**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2023/0212(COD)**

19.12.2025

# EMENDI
# 1153 - 1525

**Abbozz ta' rapport**
**Fernando Navarrete Rojas**
(PE778.136v01-00)

L-istabbiliment tal-euro diġitali

Proposta għal regolament
(COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD))

**Emenda 1153**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 - titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 25*** | ***imħassar*** |
| ***Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-EDIW ma tipprevedix pagamenti u l-"forniturи ta' servizzi ta' pagament" mhumiex imsemmija fl-eIDAS.*

**Emenda 1154**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 - titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 25*** | ***imħassar*** |
| ***Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali*** | |

Or. en

**Emenda 1155**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Is-servizzi front-end għandhom ikunu interoperabbli ma' jew integrati fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-EDIW ma tipprevedix pagamenti u l-"forniturі ta' servizzi ta' pagament" mhumiex imsemmija fl-eIDAS.*

**Emenda 1156**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Is-servizzi front-end għandhom ikunu interoperabbli ma' jew integrati fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1157**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Is-servizzi front-end għandhom ikunu interoperabbli ma' jew integrati fil-Kartieri*** Ewropej tal-Identità Diġitali. | 1. ***L-awtentikazzjoni għas-servizzi tal-euro diġitali, bħal għal finijiet ta' inkorporazzjoni tal-utenti u tranżazzjonijiet awtorizzanti, għandha tkun possibbli bil-Kartieri*** Ewropej tal-Identità Diġitali ***("kartiera EUDI")***. |

Or. en

**Emenda 1158**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 - paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jappoġġaw il-funzjonalità tal-pagamenti bl-euro diġitali f'konformità mar-regoli, l-istandards u l-proċessi stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** |

Or. en

**Emenda 1159**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fuq talba mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jiżguraw li dawk l-utenti jkunu jistgħu jiddependu fuq il-funzjonalitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final];*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1160**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fuq talba mill-utenti tal-euro*** | ***imħassar*** |

***diġitali, il-forniturи ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jiżguraw li dawk l-utenti jkunu jistgħu jiddependu fuq il-funzjonalitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 6a tar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final];***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-EDIW ma tipprevedix pagamenti u l-"forniturи ta' servizzi ta' pagament" mhumiex imsemmija fl-eIDAS.*

**Emenda 1161**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Fuq talba mill-utenti tal-euro diġitali,*** il-forniturи ta' servizzi ta' pagament li ***jqassmu l-euro*** diġitali għandhom ***jiżguraw li dawk l-utenti jkunu jistgħu*** jiddependu fuq il-funzjonalitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tagħhom f'konformità mal-Artikolu ***6a*** tar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final]; | 2. Il-forniturи ta' servizzi ta' pagament li ***jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro*** diġitali għandhom ***joffru lill-utenti tagħhom il-possibbiltà li*** jiddependu fuq il-funzjonalitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tagħhom f'konformità mal-Artikolu ***5a*** tar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final]; |

Or. en

**Emenda 1162**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom joffru lill-utenti tagħhom il-possibbiltà li jintegraw il-kont tal-pagamenti bl-euro diġitali tagħhom fil-Kartiera EUDI tagħhom;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jippermetti lill-utenti jużaw il-Kartiera EUDI fil-mowbajl tagħhom b'salvagwardji b'saħħithom tal-privatezza, bħala alternattiva għas-servizzi tal-kartiera diġitali attwali għal pagament mingħajr kuntatt bħal Apple Pay jew Google Pay.*

**Emenda 1163**
**Christophe Gomart**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Interoperabbiltà | ***Infrastrutturi eżistenti u*** interoperabbiltà |

Or. fr

**Emenda 1164**
**Christophe Gomart**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Bank Ċentrali Ewropew ***għandu jfittex li*** | ***1.*** Il-Bank Ċentrali Ewropew ***juża l-*** |

| | |
|---|---|
| ***jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards*** li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***. | ***infrastrutturi, il-protokolli u l-istandards*** li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati ***u b'mod partikolari dawk li fuqhom huma bbażati l-pagamenti istantanji***. |

Or. fr

**Emenda 1165**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li ***jiżgura*** sa fejn ikun possibbli ***l-interoperabbiltà tal-istandards*** li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***. | Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li ***juża*** sa fejn ikun possibbli ***u fejn xieraq l-infrastrutturi, il-protokolli u l-istandards eżistenti*** li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***u speċjalment dawk li jsejsu l-pagamenti istantanji***. |

Or. en

**Emenda 1166**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jfittex li*** jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jfittex li*** jippermetti, sa fejn ikun possibbli ***u fejn xieraq***, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. | Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżgura***,*** sa fejn ikun possibbli***,*** l-interoperabbiltà tal-istandards ***u l-infrastrutturi*** li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards ***u l-infrastrutturi*** rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippermetti, sa fejn ikun possibbli, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1167**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jfittex li*** jippermetti, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. | Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippermetti ***u jħeġġeġ***, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***, inkluża l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679. Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippromwovi u fejn disponibbli jagħti preferenza lill-użu ta' standards miftuħa.*** |

Or. en

**Emenda 1168**
**Christophe Gomart**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Bank Ċentrali Ewropew jiżgura l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali mal-istandards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati u b'mod speċjali dawk li fuqhom huma bbażati l-pagamenti istantanji. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti, sa fejn ikun possibbli u meta jkun xieraq, li l-mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw ir-regoli, l-istandards u l-proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.*** |

Or. fr

**Emenda 1169**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu*** ta' standards miftuħin. | ***Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jagħti preferenza lill-użu*** ta' standards miftuħin ***meta tali standards ikunu disponibbli***. |

Or. en

**Emenda 1170**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu***, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu*** ta' standards miftuħin. | Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ***u l-appoġġ tal-interoperabbiltà, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jagħti preferenza lill-użu*** ta' standards miftuħin***, f'konformità mal-Istrateġija ta' Software b'Sors Miftuħ***. |

Or. en

**Emenda 1171**
**Christophe Gomart**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ***tal-ewwel subparagrafu***, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin. | ***2.*** Għall-finijiet ***tas-subparagrafu 1a***, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin. |

Or. fr

**Emenda 1172**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-interoperabbiltà ***tista'*** tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin. | Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-interoperabbiltà ***għandha*** tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin. |

Or. en

**Emenda 1173**
**Luděk Niedermayer**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin. | Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn***,*** bl-użu ***ppreferut*** ta' standards miftuħin ***kull meta jkun fattibbli***. |

Or. en

**Emenda 1174**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-fini ta' finanzjament u definanzjament ta' kontijiet tal-euro diġitali u kontijiet mhux tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżgura li jkun meħtieġ biss l-użu ta' arranġamenti Ewropej stabbiliti, inkluż iżda mhux limitati għall-infrastruttura Ewropea għal trasferiment ta' kreditu istantanju ("trasferiment ta' kreditu istantanju SEPA") u l-funzjonalitajiet ta' inizjazzjoni ta' pagament ta' servizzi bankarji miftuħa kif preskritti mid-Direttiva (UE) 2015/2366 ("Inizjazzjoni ta' pagament ta' servizzi bankarji miftuħa").*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jerġgħu jintużaw l-infrastrutturi, il-protokolli u l-istandards li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati filwaqt li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-istandards tal-euro diġitali ma' dawk tas-soluzzjonijiet tas-suq.*

**Emenda 1175**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Mingħajr preġudizzju għat-tilwim dwar il-legalità tal-ipproċessar ta' data personali, it-tilwim għandu jkun irregolat bid-Direttiva 2015/2366. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi mressqin kontra ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi***. | 1. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmlu mekkaniżmi disponibbli biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' messaġġi bejn fornituri ta' servizzi ta' pagament għas-soluzzjoni ta' pretilwim u tilwim relatat mat-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali inklużi, iżda mhux limitati għal, tilwim tekniku u relatat mal-frodi, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3). Dawk il-mekkaniżmi jistgħu jitħaddmu direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew***. |

Or. en

**Emenda 1176**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju ***għat-tilwim dwar il-legalità*** tal-ipproċessar ta' data personali***, it-tilwim għandu jkun irregolat bid-Direttiva 2015/2366***. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi ***mressqin kontra*** ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. | 1. Mingħajr preġudizzju ***għal kwalunkwe tilwima relatata mal-legalità*** tal-ipproċessar ta' data personali***, il-fornituri ta' servizzi ta' pagamenti għandhom jistabbilixxu u japplikaw proċeduri xierqa u effettivi għall-immaniġġjar u s-soluzzjoni ta' lmenti minn utenti tal-euro diġitali***. ***Dawk il-proċeduri għandhom joffru livell ta' protezzjoni li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dak disponibbli għal strumenti ta' pagament komparabbli***. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi ***dwar*** ksur tad- |

dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi.

Or. en

**Emenda 1177**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għat-tilwim dwar il-legalità tal-ipproċessar ta' data personali, ***it-tilwim għandu jkun irregolat bid-Direttiva 2015/2366***. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi mressqin kontra ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. | 1. Mingħajr preġudizzju għat-tilwim dwar il-legalità tal-ipproċessar ta' data personali, ***il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jistabbilixxu u japplikaw proċeduri ta' soluzzjoni ta' lmenti adegwati u effettivi għas-soluzzjoni tal-ilmenti tal-utenti tal-euro diġitali li jkunu mill-inqas favorevoli għall-utenti tal-euro diġitali bħall-proċeduri li jiġu pprovduti għal mezzi ta' pagament komparabbli***. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi mressqin kontra ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. |

Or. en

**Emenda 1178**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim [ADR]. L-Istati*** |

***Membri għandhom jiżguraw li tali proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ikunu aċċessibbli faċilment, mingħajr ħlas, inklużivi għall-utenti vulnerabbli u disponibbli kemm permezz ta' interfaċċi diġitali kif ukoll dawk mhux diġitali.***

Or. en

**Emenda 1179**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-parteċipazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament fi proċeduri ta' ADR għall-konsumaturi għandha tkun obbligatorja sakemm l-Istat Membru ma jurix lill-Kummissjoni li mekkaniżmi oħra huma daqstant effettivi.*** |

Or. en

**Emenda 1180**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***jistgħu jagħmlu l-mekkaniżmi disponibbli għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat-tilwim. Dawk il-mekkaniżmi jistgħu jitħaddmu direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ maħturin mill-Bank*** | 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***ma għandhomx jaġixxu bħala parti minn kwalunkwe waħda mit-tilwim relatat mat-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali***. |

***Ċentrali Ewropew***.

Or. en

**Emenda 1181**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***jistgħu jagħmlu l-mekkaniżmi*** disponibbli għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat-tilwim. Dawk il-mekkaniżmi jistgħu jitħaddmu direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ maħturin mill-Bank Ċentrali Ewropew. | 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***għandhom jiżguraw li jkunu*** disponibbli ***mekkaniżmi għall-utenti tal-euro diġitali u*** għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat-tilwim***, inkluż tilwim kummerċjali***. Dawk il-mekkaniżmi jistgħu jitħaddmu direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ maħturin mill-Bank Ċentrali Ewropew. ***Il-mekkaniżmi tat-tilwim għandhom ikunu aċċessibbli u jistgħu jintużaw faċilment għall-utenti tal-euro diġitali u jiġu offruti lilhom mingħajr ħlas.*** |

Or. en

**Emenda 1182**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmlu l-mekkaniżmi disponibbli għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat- | 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jagħmlu l-mekkaniżmi disponibbli għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat- |

| | |
|---|---|
| tilwim. Dawk il-mekkaniżmi jistgħu jitħaddmu direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ maħturin mill-Bank Ċentrali Ewropew. | tilwim. Dawk il-mekkaniżmi jistgħu jitħaddmu direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ maħturin mill-Bank Ċentrali Ewropew. ***Is-servizzi ta' soluzzjoni għat-tilwim relatati mar-relazzjoni kummerċjali bejn konsumatur u negozjant ma għandhomx ikunu obbligatorji.*** |

Or. en

**Emenda 1183**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-mekkaniżmi tat-tilwim għandhom ikunu aċċessibbli u jistgħu jintużaw faċilment għall-utenti u jiġu offruti lilhom mingħajr ħlas.*** |

Or. en

**Emenda 1184**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux jaġixxi bħala parti fi kwalunkwe tilwima msemmija fil-paragrafi 1 u 2.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bħala l-fornitur tal-infrastruttura, il-BĊE ma jistax jiġi eskluż minnu nnifsu minn kwalunkwe kawża ta' soluzzjoni tat-tilwim.*

**Emenda 1185**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux jaġixxi bħala parti fi kwalunkwe tilwima msemmija fil-paragrafi 1 u 2.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1186**
**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jidentifika, bħala parti mill-qafas ta' governanza tiegħu, l-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu stess fir-rigward tal-funzjonalitajiet imħaddma direttament jew indirettament mill-BĊE jew mill-banek ċentrali nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 1187**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom*** | ***imħassar*** |

***jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bl-għażla li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali:***

Or. en

**Emenda 1188**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***bl-għażla li jużaw*** is-servizzi front-end ***diġitali li ġejjin*** sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***:*** | Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***b'mill-inqas servizz front-end wieħed, kemm jekk ikun żviluppat mill-Bank Ċentrali Ewropew kif ukoll*** is-servizzi front-end ***tagħhom stess jew is-servizzi front-end offruti minn fornituri ta' servizzi ta' pagament oħra***sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***f'konformità mal-Annessi II u IIa.*** |

Or. en

**Emenda 1189**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***bl-għażla*** li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill- | Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom ***dejjem*** jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***bil-libertà li jagħżlu bejn*** li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex |

| | |
|---|---|
| utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: | jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: |

Or. en

**Emenda 1190**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bl-għażla li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: | Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bl-għażla li jużaw ***apparat fiżiku (bħal kard) u servizzi front-end diġitali. Fis-sitwazzjonijiet tal-aħħar, għandha tiġi offruta għażla lill-utenti biex jużaw*** is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***, f'konformità sħiħa mal-Artikolu 22(1) ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1191**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bl-għażla li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: | Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***b'mill-inqas servizz front-end tal-euro diġitali wieħed biex jaċċessaw u jużaw bħala minimu s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bażiċi kollha. Għal dak l-għan,*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom jipprovdu lill-utenti*** bl-għażla li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: |

Or. en

**Emenda 1192**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bl-għażla li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: | Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***b'mill-inqas servizz front-end diġitali wieħed biex jaċċessaw u jużaw bħala minimu s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji kollha. Għal dak l-għan, dawn għandhom jipprovdu lill-utenti*** bl-għażla li jużaw is-servizzi front-end diġitali li ġejjin sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali: |

Or. en

**Emenda 1193**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) servizzi front-end żviluppati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament; u*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1194**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) servizzi front-end żviluppati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament; u*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1195**
**Michalis Hadjipantela**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***servizzi front-end żviluppati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament; u*** | (a) ***l-interfaċċa tal-utenti tal-euro diġitali li jagħmlu disponibbli turi l-logo tal-euro diġitali uffiċjali;*** |

Or. en

**Emenda 1196**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) servizzi front-end ***żviluppati mill-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament; u | (a) servizzi front-end ***li l-fornitur*** ta' servizzi ta' pagament ***jista' jagħmel disponibbli***; u |

Or. en

**Emenda 1197**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) servizzi front-end ***żviluppati mill-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament; u | (a) servizzi front-end ***li l-fornitur*** ta' servizzi ta' pagament ***jista' jagħmel disponibbli***; u |

Or. en

**Emenda 1198**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) servizzi front-end żviluppati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament; ***u*** | (a) servizzi front-end żviluppati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament***, li għandhom jaderixxu ma' rekwiżiti għoljin f'termini ta' aċċessibbiltà, faċilità tal-użu, sempliċità, inklużività u robustezza. Dawn għandhom ukoll jippermettu lill-utenti jaċċessaw is-servizzi kollha tal-euro diġitali f'post wieħed, li jkopri kemm il-funzjonalitajiet online kif ukoll dawk offline;*** |

Or. en

**Emenda 1199**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) servizzi front-end żviluppati mill- | (a) servizzi front-end żviluppati mill- |

| | |
|---|---|
| fornituri ta’ servizzi ta’ pagament; u | fornituri ta’ servizzi ta’ pagament***, li għandhom jikkonformaw mal-oġħla standards ta’ aċċessibbiltà, faċilità tal-utent, sempliċità, inklużività u reżiljenza. Dawn is-servizzi front-end għandhom jippermettu lill-utenti jaċċessaw f’post wieħed is-servizzi kollha tal-euro diġitali, inkluż kemm il-funzjonalitajiet online kif ukoll dawk offline***; u |

Or. en

**Emenda 1200**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1201**
**Damian Boeselager**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1202**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) servizzi front-end ***żviluppati*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. | (b) servizzi front-end ***li jsiru disponibbli*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. |

Or. en

**Emenda 1203**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) servizzi front-end ***żviluppati*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. | (b) servizzi front-end ***li jsiru disponibbli*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. |

Or. en

**Emenda 1204**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew. | (b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew***, li għandhom jibqgħu disponibbli għall-utenti bħala alternattiva f'kull ħin***. |

Or. en

**Emenda 1205**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew. | (b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew***, li dejjem għandhom jibqgħu għażla disponibbli għall-utenti fi kwalunkwe punt ta' żmien***. |

Or. en

**Emenda 1206**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-entitajiet iddeżinjati skont l-Artikolu 14b għandhom jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali s-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** |

Or. en

**Emenda 1207**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1208**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1209**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1210**
**Engin Eroglu**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali*** | ***imħassar*** |

***Ewropew.***

Or. en

**Emenda 1211**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1212**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża ***servizz*** tal-Bank Ċentrali Ewropew. | Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża ***interfaċċa*** tal-Bank Ċentrali Ewropew. |

Or. en

**Emenda 1213**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta’ servizzi ta’ pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew. | Meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, ***jew meta l-interfaċċa rilevanti tal-utent tal-euro diġitali ma tkunx temporanjament operattiva,*** tali fornitur ta’ servizzi ta’ pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew ***bħala s-soluzzjoni front-end obbligatorja għall-aċċess tas-servizzi tal-euro diġitali***. |

Or. en

**Emenda 1214**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta’ servizzi ta’ pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew. | ***Is-servizzi front-end żviluppati mill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jużaw identità tal-marka armonizzata u li tingħaraf żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** Meta fornitur ta’ servizzi ta’ pagament ma joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta’ servizzi ta’ pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew. |

Or. en

**Emenda 1215**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Is-servizzi*** front-end ipprovduti | 2. ***Il-forniturі ta’ servizzi ta’*** |

| | |
|---|---|
| mill-Bank Ċentrali Ewropew ***imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b), ma għandhomx jipprevedu relazzjonijiet mal-klijenti, li għandhom jiġu pprovduti biss mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali kif stabbilit fl-Artikolu 13 u skont id-Direttiva 2015/2366***. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament.*** | ***pagament li jqassmu l-euro diġitali jistgħu joffru s-servizzi front-end tagħhom stess jew servizzi front-end offruti minn fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn, minbarra s-servizzi*** front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. |

Or. en

**Emenda 1216**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (b), ma għandhomx jipprevedu relazzjonijiet mal-klijenti, li għandhom jiġu pprovduti biss mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali kif stabbilit fl-Artikolu 13 u skont id-Direttiva 2015/2366.*** Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. | 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. |

Or. en

**Emenda 1217**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fil-paragrafu 1***, il-punt (b)***, ma għandhomx jipprevedu relazzjonijiet mal-klijenti, li għandhom jiġu pprovduti biss mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali kif stabbilit fl-Artikolu 13 u skont id-Direttiva 2015/2366. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. | 2. Is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu***, ma għandhomx jipprevedu relazzjonijiet mal-klijenti, li għandhom jiġu pprovduti biss mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali kif stabbilit fl-Artikolu 13 u skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366***, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' rikors jew indennifikazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament kontra l-Bank Ċentrali Ewropew għal kwalunkwe telf jew dannu attribwibbli għas-servizz front-end ipprovdut mill-BĊE***. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. |

Or. en

**Emenda 1218**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament joffri servizz front-end tal-euro diġitali, dan għandu jwettaq u jippubblika analiżi ta' kif se jissodisfa r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 22(1) ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1219**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jiżguraw li: | 3. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom***, meta joffru servizzi front-end,*** jiżguraw li: |

Or. en

**Emenda 1220**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jużaw il-logo uffiċjali tal-euro diġitali; | (a) is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jużaw il-logo uffiċjali tal-euro diġitali ***u jikkonformaw mal-istandards tekniċi u ta' sigurtà stabbiliti jew iċċertifikati mill-Bank Ċentrali Ewropew***; |

Or. en

**Emenda 1221**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kontijiet tal-pagamenti bl-euro diġitali jistgħu jiġu aċċessati malajr u | (b) il-kontijiet tal-pagamenti bl-euro diġitali jistgħu jiġu aċċessati malajr u |

| | |
|---|---|
| faċilment mill-utenti tal-euro diġitali u jintużaw minnhom. | faċilment mill-utenti tal-euro diġitali u jintużaw minnhom ***u jkollhom settings tal-kont aċċessibbli u li jistgħu jiġu ppersonalizzati ċari għall-fini tal-funzjonijiet ta' baġitjar u dawk awtomatiċi***. |

Or. en

**Emenda 1222**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) tiġi offruta assistenza dedikata li tippermetti lill-konsumaturi vulnerabbli jużaw is-servizzi bażiċi kollha.*** |

Or. en

**Emenda 1223**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali huma allinjati mal-objettivi taħt il-kodiċi ta' kondotta għall-aċċessibbiltà stabbilit fl-Artikolu 47 tar-Regolament 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).*** |

Or. en

**Emenda 1224**

**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, meta jintalbu mill-utent, isiru wkoll disponibbli f'forma fiżika aċessibbli, faċli u li tingħaraf mingħajr ħlas.*** |

Or. en

**Emenda 1225**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'referenza għall-punt (b), l-utent għandu jiġi offrut l-għażla li juża l-kont tal-euro diġitali tiegħu b'finanzjament u definanzjament awtomatiku bħala "mekkaniżmu pass-through" biex jibda u jirċievi tranżazzjonijiet fuq l-infrastruttura tal-pagamenti bl-euro diġitali, mingħajr ma jżomm kont ta' pagament separat fl-interfaċċa tal-app tiegħu.*** |

Or. en

**Emenda 1226**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżviluppa l-istandards tekniċi, operazzjonali u ta' sigurtà, inkluż il-proċess ta' ċertifikazzjoni fejn applikabbli, għall-apparati tal-euro diġitali offline u l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali biex tkun żgurata l-eżekuzzjoni reżiljenti, sikura u bla xkiel tal-pagamenti.*** |

Or. en

**Emenda 1227**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Għall-finijiet tal-Kapitolu VI, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament barra miż-żona tal-euro għandhom iqassmu biss apparati tal-euro diġitali offline ċċertifikati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-paragrafu 3a jew mill-bank ċentrali nazzjonali korrispondenti jekk dan ikun previst fl-arranġamenti msemmija fl-Artikoli 18(1) u 19(1).*** |

Or. en

**Emenda 1228**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament li ***jeżegwixxu*** tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali għandhom | 1. Il-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament li ***joffru*** tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali għandhom |

| | |
|---|---|
| jivverifikaw jekk xi wieħed mill-utenti tal-euro diġitali tagħhom humiex persuni jew entitajiet ***elenkati***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu verifiki bħal dawn immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe miżura restrittiva ġdida ***jew emendata adottata f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE li tipprevedi l-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi***, u tal-anqas darba kull jum tal-kalendarju. | jivverifikaw jekk xi wieħed mill-utenti tal-euro diġitali tagħhom humiex persuni jew entitajiet ***soġġetti għal miżuri restrittivi finanzjarji mmirati***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu verifiki bħal dawn immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe miżura restrittiva ġdida***, u immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda għal tali miżuri finanzjarji mmirati***, u tal-anqas darba kull jum tal-kalendarju. |

Or. en

**Emenda 1229**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet meħuda mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex jikkonformaw ma' miżuri restrittivi, minbarra miżuri restrittivi finanzjarji mmirati, adottati f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE, b'miżuri restrittivi li mhumiex adottati f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE, jew mad-dritt tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.*** |

Or. en

**Emenda 1230**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 2. Matul l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' prenditur involuti fl-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ma għandhomx jivverifikaw jekk il-pagatur jew il-prenditur li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali humiex persuni jew entitajiet ***elenkati*** minbarra li jwettqu l-verifiki skont il-paragrafu 1. | 2. Matul l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' prenditur involuti fl-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ma għandhomx jivverifikaw jekk il-pagatur jew il-prenditur li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali humiex persuni jew entitajiet ***soġġetti għal miżuri restrittivi finanzjarji mmirati*** minbarra li jwettqu l-verifiki skont il-paragrafu 1. |

Or. en

**Emenda 1231**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-euro diġitali kkonċernat mill-pagatur lill-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Eurosistema. | 2. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-euro diġitali kkonċernat mill-pagatur lill-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Eurosistema. ***L-infrastruttura għas-saldu għandha tkun iddisinjata b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.*** |

Or. en

**Emenda 1232**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-euro diġitali kkonċernat mill-pagatur lill-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Eurosistema. | 2. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-euro diġitali kkonċernat mill-pagatur lill-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Eurosistema. ***L-infrastruttura għas-saldu għandha tkun iddisinjata b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mill-Premessa 71, iżda nbidlet f'obbligu legali. Opinjoni Konġunta tal-EDPB/EDPS 02/2023 il-paragrafu 54.*

**Emenda 1233**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument meta jiġu aġġornati r-rekords tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali kkonċernati fl-apparati għall-ħżin lokali tal-pagatur u tal-prenditur. | 3. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument meta jiġu aġġornati r-rekords tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali kkonċernati fl-apparati għall-ħżin lokali ***ċertifikati*** tal-pagatur u tal-prenditur. |

Or. en

**Emenda 1234**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 30 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-infrastruttura għas-saldu għandha tkun iddisinjata b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.*** |

Or. en

**Emenda 1235**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess identifikaturi tal-kont.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-forniment ta' servizzi bażiċi mingħajr ħlas, inkluż id-definanzjament tal-euro diġitali u l-ftuħ jew l-għeluq ta' kontijiet tal-euro diġitali, jippermetti lil dawk li huma diġà utenti biex jibdlu l-fornituri tal-kont filwaqt li jżommu kontroll fuq il-kondiviżjoni tad-data tagħhom.*

**Emenda 1236**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu l-kontijiet*** ta' pagament bl-euro diġitali ***tagħhom*** għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn ***filwaqt li jżommu l-istess identifikaturi tal-kont***. | 1. ***Fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali,*** il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***ibiddlu s-servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn ***mingħajr dewmien żejjed. Meta l-bdil jitwettaq f'konformità ma' dan l-Artikolu, in-numru ta' aċċess tal-euro diġitali għandu jinżamm***. |

Or. en

**Emenda 1237**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu ***l-kontijiet*** ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess identifikaturi tal-kont. | 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu ***mingħajr ħlas il-kontijiet*** ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess identifikaturi tal-kont. |

Or. en

**Emenda 1238**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'każijiet meta l-kont ta' pagament bl-euro diġitali jinżamm b'mod konġunt minn żewġ detenturi ta' kont legali jew aktar, it-talba għall-bdil għandha ssir minnhom kollha.*** |

Or. en

**Emenda 1239**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2015/2366, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament li għalih isir il-bdil tal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, qabel il-bdil, għandu jagħmel disponibbli għall-utent tal-euro diġitali lista tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, għajr is-servizzi bażiċi, li joffri u li l-utent jirċievi bħalissa u li huma eleġibbli għall-bdil. L-utent tal-euro diġitali għandu jagħżel b'mod espliċitu kwalunkwe tali servizz addizzjonali li jixtieq jibdel u għandu jiġi infurmat minn qabel dwar kwalunkwe tariffa applikabbli għas-servizzi għajr is-servizzi bażiċi.*** |

Or. en

**Emenda 1240**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jiskambjaw biss l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jeqilbu s-servizzi tal-euro diġitali.*** |

Or. en

**Emenda 1241**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti bl-euro diġitali għal perjodu ta' żmien twil, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-BĊE jkollu informazzjoni dwar il-kontijiet individwali, inkluż data dwar it-tranżazzjonijiet.*

**Emenda 1242**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom*** fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' ***pagament bl-euro diġitali*** lil | 2. ***Meta*** fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' ***bdil*** lil utenti bl-euro diġitali ***fuq talba tagħhom*** |

| | |
|---|---|
| utenti bl-euro diġitali ***għal perjodu ta' żmien twil***, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' ***kontijiet*** ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. ***Dak il-bdil*** għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ***ma jibbaża fuq il-fornitur*** ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. | ***kif stabbilit fil-paragrafu 1***, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' ***servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. ***Dan*** għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ***il-ħtieġa tal-iskambju ta' informazzjoni mal-fornitur*** ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. |

Or. en

**Emenda 1243**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti bl-euro diġitali ***għal perjodu ta' żmien twil***, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. | 2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti bl-euro diġitali, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ***rilevanti*** jistgħu jawtorizzaw***, fuq talba tal-utent,*** il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. |

Or. en

**Emenda 1244**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti bl-euro diġitali għal perjodu ta' żmien twil, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. | 2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti bl-euro diġitali għal perjodu ta' żmien twil, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. ***Is-servizz ta' bdil ma għandux jirriżulta f'aċċess għad-data mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali f'ċirkostanzi normali.*** |

Or. en

**Emenda 1245**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament li jospita kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali jonqos milli jikkonforma*** |

***ma' dan ir-Regolament jew dritt tal-Unjoni applikabbli ieħor b'mod li jaffettwa jew jhedded li jaffettwa l-integrità, id-disponibbiltà jew il-kontinwità tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-Bank Ċentrali Ewropew jew lill-bank ċentrali nazzjonali rilevanti jsaħħu l-bdil tal-kont tal-euro diġitali għal fornitur ta' servizzi ta' pagament iddeżinjat mill-utent u, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jekk ma jkun ġie ddeżinjat l-ebda fornitur ta' servizzi ta' pagament, għal waħda mill-entitajiet iddeżinjati msemmija fl-Artikolu 14b.***

Or. en

**Emenda 1246**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-utent biex jikkondividu, ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn jew partijiet terzi rilevanti, l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw ir-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent, għall-fini tal-iffaċilitar tal-bdil skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-utenti tal-euro diġitali jistgħu jagħtu jew jirtiraw tali awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin.*** |

Or. en

**Emenda 1247**

**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-BĊE għandu jiddefinixxi mudelli komuni li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jużaw f'każ li l-utent tal-euro diġitali jitlob li jibdel.*** |

Or. en

**Emenda 1248**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Il-BĊE għandu jiddefinixxi mudelli komuni li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jużaw f'każ li l-utent tal-euro diġitali jitlob li jibdel.*** |

Or. en

**Emenda 1249**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Il-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-utenti tal-euro diġitali dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' awtorizzazjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-*** |

***euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali fil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.***

Or. en

**Emenda 1250**
**Paulius Saudargas, Sandra Kalniete, Liudas Mažylis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Qlib ta' emerġenza f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |
| | ***1. Fuq talba motivata minn Stat Membru, il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti għandu jawtorizza l-qlib ta' emerġenza fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 14a, meta, abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-miżura hija ġġustifikata u proporzjonata għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:*** |
| | ***(a) l-iżgurar tal-kontinwità tal-funzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali;*** |
| | ***(b) il-protezzjoni tal-aċċess tal-utenti għall-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tagħhom.*** |
| | ***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "qlib ta' emerġenza" għandu jfisser l-awtorizzazzjoni għal trasferiment tal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bażiċi, kif imsemmi fl-Anness II, minn fornitur wieħed jew fornituri ta' servizzi ta' pagament għal fornitur jew fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn iddeżinjati mill-Istat Membru. Il-fornitur riċeventi għandu jwettaq il-bdil meta jirċievi notifika ta' tali awtorizzazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li jiskambja*** |

***informazzjoni mal-fornitur mhux disponibbli.***

***2. Il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti jista' jikkonsulta mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-miżuri proporzjonati li għandhom jiġu adottati. L-awtorizzazzjoni għandha tiġi miċħuda biss meta l-qlib ta' emerġenza ma jkunx iġġustifikat fid-dawl tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1.***

***3. Il-qlib ta' emerġenza skont dan l-Artikolu għandu jkun miżura temporanja u għandu japplika biss dment li jibqa' ġustifikat għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1.***

***4. Meta l-qlib ta' emerġenza jitwettaq f'konformità ma' dan l-Artikolu, in-numru tal-kont ta' aċċess tal-euro diġitali għandu jibqa' l-istess.***

***5. Meta jiftħu kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitolbu mill-utenti tal-euro diġitali tagħhom l-awtorizzazzjoni tagħhom li jikkondividu, mal-awtoritajiet jew l-entitajiet iddeżinjati biex jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji skont l-Artikolu 16b, jew ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn jew partijiet terzi rilevanti, l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw ir-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent, għall-finijiet tal-iffaċilitar tal-qlib ta' emerġenza skont dan l-Artikolu. L-utenti jistgħu jagħtu jew jirtiraw tali awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin.***

***6. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-utenti tal-euro diġitali bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, inkluż il-possibbiltà li jwettqu qlib ta' emerġenza skont dan l-Artikolu.***

***7. Kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni jew arranġament bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament u***

***partijiet terzi għall-ħżin tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(5) għandu jinkludi salvagwardji adegwati biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2554.***

Or. en

**Emenda 1251**
**Jussi Saramo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31b*** |
| | ***Qlib ta' emerġenza*** |
| | ***Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u jiġi protett l-aċċess għall-ammonti tal-euro diġitali miżmumin f'każ ta' tfixkil mifrux u sever fis-sistema ta' pagament diġitali jew riskju kredibbli ta' tali tfixkil, il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti jista', wara li jirċievu talba minn Stat Membru wieħed jew aktar, jawtorizza l-qlib ta' emerġenza tas-servizzi ta' pagament u akkwist bl-euro diġitali minn fornitur ta' servizzi ta' pagament għal ieħor.*** |

Or. en

**Emenda 1252**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' tfixkil li jaffettwa jew jhedded li jaffettwa l-funzjonament xieraq, id-disponibbiltà jew il-kontinwità tal-pagamenti diġitali, kompletament jew parzjalment, Stat Membru jew iż-żona tal-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali rilevanti jistgħu jawtorizzaw il-qlib ta' emerġenza ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmuma għand fornituri ta' servizzi ta' pagament diġitali għall-entitajiet iddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 14b sabiex jiġi ppreżervat l-aċċess tal-utenti tal-euro diġitali għas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin tagħhom mingħajr interruzzjoni. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-entitajiet iddeżinjati jlestu l-bdil mingħajr ma jiddependu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament l-oħrajn. In-numru ta' aċċess ta' pagament bl-euro diġitali għandu jinżamm.*** |

Or. en

**Emenda 1253**
**Jussi Saramo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** |
| | ***Distribuzzjoni tal-euro diġitali waqt tfixkil sever fis-sistema ta' pagament*** |
| | ***F'każ ta' tfixkil server fil-pagamenti diġitali, inklużi l-pagamenti bl-euro diġitali, fi Stat Membru jew fiż-żona tal-euro, jew meta jkun hemm riskju kredibbli ta' tali tfixkil, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li waħda jew aktar mill-awtoritajiet jew l-entitajiet l-oħrajn*** |

***imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (d) u (f) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji.***

Or. en

**Emenda 1254**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Bank Ċentrali Ewropew ***jista' jiffaċilita l-kompiti ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu skont id-Direttiva 2015/2366 billi jistabbilixxi*** mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni ta' frodi għal tranżazzjonijiet online bl-euro biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali. Dak il-mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jitħaddem direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew. | 1. ***Qabel il-ħruġ tal-euro diġitali,*** il-Bank Ċentrali Ewropew ***għandu jistabbilixxi*** mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni ta' frodi għal tranżazzjonijiet online bl-euro ***sabiex jiffaċilita u jappoġġa kompiti tad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament huma meħtieġa jwettqu skont ir-Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament u*** biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti ***tal-ekosistema*** tal-euro diġitali. Dak il-mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jitħaddem direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew ***u l-banek ċentrali nazzjonali*** jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew. |

Or. en

**Emenda 1255**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data qabel ma jiżviluppa d-dettalji dwar l-elementi operazzjonali tal-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi. | 2. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ***u lill-AMLA*** qabel ma jiżviluppa d-dettalji dwar l-elementi ***tekniċi u*** operazzjonali tal-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi. |

Or. en

**Emenda 1256**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jivvaluta l-iskopertura għar-riskju ta' frodi tat-tranżazzjonijiet online bl-euro diġitali f'ħin reali fl-użu esklużiv tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament qabel ma t-tranżazzjoni tiġi introdotta fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali; | (a) jivvaluta l-iskopertura għar-riskju ta' frodi tat-tranżazzjonijiet online bl-euro diġitali f'ħin reali fl-użu esklużiv tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament qabel ma t-tranżazzjoni tiġi introdotta fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali ***u jipprovdi allerti ta' twissija bikrija biex jiġu antiċipati u mmitigati r-riskji***; |

Or. en

**Emenda 1257**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jappoġġa lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet frawdolenti fi tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali li jkunu ġew saldati. | (b) jappoġġa lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament ***fl-iżgurar ta' informazzjoni dwar il-pagament u*** fl-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet frawdolenti fi tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl- |

euro diġitali li jkunu ġew saldati.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-euro diġitali billi tippermetti intelligence tal-prevenzjoni tal-frodi proattiva u koordinata u tiżgura li s-sigurtà tibqa' element ewlieni u li tibqa' valida fil-futur tal-infrastruttura tal-euro diġitali.*

**Emenda 1258**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jipprovdi b'mod proattiv intelligence aggregata, data anonimizzata u rapporti regolari dwar xejriet ta' frodi u dwar theddid koordinat jew emerġenti fl-ekosistema kollha tal-euro diġitali;*** |

Or. en

**Emenda 1259**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) joffri arranġament ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 83(3) u 83(4) tar-Regolament [PSR];*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mekkaniżmu ta' detezzjoni u prevenzjoni tal-frodi għandu jinkludi possibbiltà għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament biex jiskambjaw informazzjoni rilevanti dwar ix-xejriet tal-frodi. Dan jirrifletti d-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament.*

**Emenda 1260**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) jippermetti l-implimentazzjoni ta' karatteristiċi tekniċi tal-ogħla livell tekniku, inklużi skattaturi ta' kontroll ibbażati fuq ir-riskju, li jsaħħu s-sigurtà u l-użu tat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online, filwaqt li jiġi żgurat li kwalunkwe miżura awtomatizzata tkun strettament limitata għal finijiet ta' prevenzjoni tal-frodi.*** |

Or. en

**Emenda 1261**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi bl-informazzjoni msemmija fl-Anness 5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza | 4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi bl-informazzjoni msemmija fl-Anness 5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza |

| | |
|---|---|
| tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li s-servizz ta’ appoġġ ma jkunx jista’ jidentifika direttament lill-utenti tal-euro diġitali fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu ta’ detezzjoni u ta’ prevenzjoni tal-frodi. | tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li s-servizz ta’ appoġġ ma jkunx jista’ jidentifika direttament ***jew indirettament*** lill-utenti tal-euro diġitali fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu ta’ detezzjoni u ta’ prevenzjoni tal-frodi. |

Or. en

**Emenda 1262**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Sa tliet snin mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-użu tal-euro diġitali fi tranżazzjonijiet frawdolenti jew illeċiti, kif ukoll l-effettività tas-salvagwardji u l-miżuri ta’ mitigazzjoni applikati.*** |

Or. en

**Emenda 1263**
**Damian Boeselager**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-mekkaniżmu ta’ detezzjoni u ta’ prevenzjoni tal-frodi ġenerali ma għandux jissostitwixxi l-obbligi ta’ ġestjoni tal-frodi u tar-riskju fuq il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament skont ir-Regolament dwar is-Servizzi ta’ Pagament.*** |

Or. en

**Emenda 1264**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. L-utenti tal-euro diġitali ma għandhomx jiġu identifikati personalment mill-mekkaniżmu ċentrali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi. Il-miżuri stabbiliti għandhom jimmiraw lejn tnaqqis kontinwu fil-livelli tal-frodi maż-żmien u jiżguraw li kwalunkwe attività identifikata tiġi indirizzata malajr u b'mod effettiv.*** |

Or. en

**Emenda 1265**
**Rada Laykova, Siegbert Frank Droese**
f'isem il-Grupp ESN

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828,*** il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ***ta' apparati mobbli u l-forniturи ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom*** jippermettu ***lill-forniturи ta' servizzi u lill-forniturи ta' Kartieri Ewropej tal-Identità*** | 1. Il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ***għandhom jiżguraw li l-apparati*** jippermettu ***aċċess*** b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji ***għall-karatteristiċi*** tal-hardware u tas-software neċessarji għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali***. Il-komponenti ewlenin kollha meħtieġa biex id-data tal-euro diġitali tinħażen, tiġi żgurata jew tintbagħat għandhom jiġu ospitati fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea u ma għandhomx jiġu kkontrollati minn entitajiet soġġetti għal*** |

***Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi*** tal-hardware u tas-software neċessarji ***għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data*** għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali**,** b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.

***ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li l-obbligi legali tagħhom jisgħu jkunu konfliġġenti mad-dritt tal-Unjoni***.

---

*[47] **Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Issaħħaħ is-sovranità teknoloġika billi tirrikjedi li l-infrastruttura tal-euro diġitali essenzjali tiġi ospitata fl-UE/fiż-ŻEE u tibqa' taħt il-ġuriżdizzjoni esklużiva tagħha. Dan jipprevjeni esponiment għal reġimi legali ta' pajjiżi terzi, inaqqas id-dipendenza fuq forniturі barranin u jsaħħaħ is-sigurtà u l-awtonomija strateġika.*

**Emenda 1266**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ***6, il-paragrafu*** (7)**,** tar-Regolament (UE) 2022/1925 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828***, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika ***skont it-tifsira tal-Artikolu*** 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom ***jippermettu lill-forniturі*** ta' servizzi ***u lill-*** | 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ***6(7)*** tar-Regolament (UE) 2022/1925, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika ***kif definiti fl-Artikolu*** 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom ***jiżguraw li l-forniturі*** ta' servizzi front-end għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali**,** ***kif ukoll forniturі ta' servizzi tekniċi ta' partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, ikunu jistgħu jinteroperaw b'mod effettiv ma', u jiksbu aċċess*** għall-finijiet tal- |

***fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess*** għall-finijiet tal-interoperabbiltà ***mal-karatteristiċi*** tal-hardware u tas-software ***neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data*** għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet ***online jew offline*** bl-euro diġitalii.

[47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36.

interoperabbiltà***, għall-funzjonalitajiet*** tal-hardware u tas-software ***meħtieġa*** għall-ipproċessar ***u l-eżekuzzjoni siguri*** ta' tranżazzjonijiet ***ta' pagament*** bl-euro diġitali ***kemm fil-modalità online kif ukoll dik offline***. ***L-aċċess ma għandux jiġi soġġett għal xi tariffa u ma għandux ikun kondizzjonali fuq l-użu ta' servizzi fornuti minn manifatturi ta' tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli jew fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.***

[47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36.

Or. en

**Emenda 1267**
**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828***, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom jippermettu lill-fornituri ta' servizzi u lill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi tal-hardware u tas- | 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** għandhom jippermettu***, mingħajr ħlas,*** lill-fornituri ta' servizzi u lill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi tal-hardware u tas-software neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro |

| | |
|---|---|
| software neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali, b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji. | diġitali, b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji. |
| [47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36. | [47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36. |

Or. en

**Emenda 1268**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(d) u (e) ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 biex tiddefinixxi t-tipi ta' data. Dawk it-tipi ta' data għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness III.*** |

Or. en*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-kategoriji ta' data għandhom ukoll jiġu deskritti. (Opinjoni Konġunta tal-EDPB/EDPS 02/2023 il-paragrafu 76).*

**Emenda 1314**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness III.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1315**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness III.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan għandu jsir permezz ta' leġiżlazzjoni tal-livell 1.*

**Emenda 1316**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. ***Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizz ta' pagament wieħed ikun marbut ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ta' servizz ta' pagament ieħor f'konformità mal-Artikolu 13(4), dawn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ikunu kontrolluri konġunti.*** | Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. |

Or. en

**Emenda 1317**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tiddentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tistax tibqa' tiġi attribwita*** direttament ***u indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali ***mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Opinjoni Konġunta tal-EDPB/EDPS 02/2023, il-paragrafu 78.*

**Emenda 1318**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tiddentifikax direttament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tidentifikax*** lil utenti individwali tal-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1319**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tiddentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tidentifikax*** direttament ***jew indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali. ***Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, f'konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu joħroġ linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u ta' organizzazzjoni xierqa inkluż ta' tekniki ta' anonimizzazzjoni biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu u r-Regolament 2016/679. Għandha tintwera l-konformità ta' tali proċessar mar-Regolament (UE) 2016/679.*** |

Or. en

**Emenda 1320**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza | 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa ***u aġġornati*** inklużi miżuri ta' sigurtà tal-ogħla livell ta' |

tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ ma ***tiddentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali.

żvilupp tekniku u ta’ ***preżervazzjoni*** tal-privatezza ***komprensivi*** sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ ma ***tidentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu soġġetti għal rieżami regolari u aġġornament biex jiġi żgurat li l-preżervazzjoni tal-privatezza tibqa’ fl-aktar livell avvanzat u komprensiv.***

Or. en

**Emenda 1321**
**Dirk Gotink**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta’ sigurtà u ta’ ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ ma ***tiddentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta’ sigurtà u ta’ ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ ma ***tidentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali ***biex jiġi żgurat li d-data dwar l-utenti tal-euro qatt ma tiġi ttrasferita illegalment lil awtoritajiet jew entitajiet ta’ pajjiżi terzi***. |

Or. en

**Emenda 1322**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tiddentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tidentifikax*** direttament ***jew indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1323**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal servizzi ta' pagament bl-euro diġitali addizzjonali żviluppati u pprovduti minn fornituri ta' servizzi ta' pagament minbarra servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali, li għalihom japplika l-Artikolu 6(1)(a) jew (b) tar-Regolament (UE) 2016/679, meta jitqies li dawn is-servizzi huma soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366.*** |

Or. en

**Emenda 1324**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-finijiet tal-ipproċessar għandhom ikunu limitati għall-obbligi legali skont dan ir-Regolament u ma għandu jkun hemm l-ebda pproċessar ulterjuri għal finijiet oħrajn u l-ebda kondiviżjoni tad-data ma' partijiet terzi.*** |

Or. en

**Emenda 1325**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Għall-fini tal-awtentikazzjoni u tal-identifikazzjoni u f'konformità mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku kif stabbiliti f'2016/679/UE, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu b'mod awtomatiku metodi ta' awtentikazzjoni u identifikazzjoni li ma jibbażawx fuq data bijometrika.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi llimitat l-użu ta' data personali sensittiva, f'dan il-każ id-data bijometrika, l-awtentikazzjoni u l-identifikazzjoni għandhom jaħdmu b'mod awtomatiku mingħajr l-użu ta' data bijometrika.*

**Emenda 1326**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Għall-fini tal-awtentikazzjoni u tal-identifikazzjoni u f'konformità mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data u tal-privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku kif stabbiliti f'2016/679/UE, il-forniturи ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu b'mod awtomatiku metodi ta' awtentikazzjoni u identifikazzjoni li ma jibbażawx fuq data bijometrika.*** |

Or. en

**Emenda 1327**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek*** ċentrali nazzjonali ***jwettqu kompitu fl-interess pubbliku jew jeżerċitaw awtorità uffiċjali meta jipproċessaw data personali għall-finijiet li ġejjin:*** | 1. ***L-intfrastrutturi tal-euro diġitali għandhom jitfasslu sabiex l-ebda data personali ta' persuni fiżiċi ma tkun aċċessibbli għall-BĊE, il-banek*** ċentrali nazzjonali, ***jew l-intermedjarji, ħlief meta jkun strettament meħtieġ għal obbligi superviżorji jew tal-AML/tas-CFT skont id-dritt tal-Unjoni.***<br>***Il-psewdonimizzazzjoni, il-kriptaġġ, u — fejn xieraq — it-tekniki kriptografiċi ta' preżervazzjoni tal-privatezza bħal reżistenza għal għarfien żero għandhom ikunu meħtieġa.***<br>***L-ipproċessar tad-data għandu jikkonforma bis-sħiħ mar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR) u mar-Regolament (UE) 2018/1725.*** |

Or. en

**Emenda 1328**

**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 1– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali; | (b) is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġital***, mingħajr il-possibbiltà ta' aċċess jew kalkolu tal-bilanċi tal-utent aħħari u mingħajr il-possibbiltà ta' aċċess għal data dwar it-tranżazzjonijiet***; |

Or. en

**Emenda 1329**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness IV.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-aġġornamenti tal-annessi għandhom isiru permezz ta' bidla fir-regolament, u mhux permezz ta' att delegat.*

**Emenda 1330**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Id-data personali pproċessata għall- | 4. Id-data personali pproċessata għall- |

| | |
|---|---|
| kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza ***komprensivi***. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. ***Il-protezzjoni tal-privatezza għandha tkun ta' importanza massima f'kull ħin. Dawn il-miżuri msemmijin hawn fuq għandhom jiġu soġġetti għal rieżami regolari u aġġornament biex jiġi żgurat li l-preżervazzjoni tal-privatezza tibqa' fl-aktar livell avvanzat u komprensiv.*** |

Or. en

**Emenda 1331**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament ***jew indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1332**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament ***jew indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1333**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Għall-finijiet ***li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u*** li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi ***punt ta' aċċess uniku*** waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ***ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4.*** Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri | 8. Għall-finijiet li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi ***sistema deċentralizzata bbażata fuq komputazzjoni ta' bosta partijiet sigura*** waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro |

tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali.

diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Segwitu għat-tħassir tal-Artikolu 16 u s-sistema deċentralizzata skont il-paragrafu 40 tal-Opinjoni Konġunta 02/2023 tal-EDPB/EDPS.*

**Emenda 1334**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill- | 8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill- |

| | |
|---|---|
| informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. | informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. ***Meta jiġi stabbilit il-punt ta' aċċess uniku, l-Eurosistema għandha tiżgura li l-ipproċessar tad-data personali jiġi mminimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata fil-karatteristiċi tekniċi u operazzjonali tiegħu f'konformità mal-Artikolu 24a.*** |
| | Or. en |

**Emenda 1335**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li l- | 8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ta' żamma f'konformità mal-Artikolu 16(1) u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku waħdu jew b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness 4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza ***komprensivi*** sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li l- |

| | |
|---|---|
| abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. | abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu soġġetti għal rieżami regolari u aġġornament biex jiġi żgurat li l-preżervazzjoni tal-privatezza tibqa' fl-aktar livell avvanzat u komprensiv.*** |

Or. en

**Emenda 1336**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ għandhom jipprovdu servizzi relatati mal-pagamenti fost il-PSPs. F'sitwazzjoni bħal din, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***iwettqu*** kompitu fl-interess pubbliku***, meta jipproċessaw data personali*** għall-finijiet li ġejjin: | 1. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ għandhom jipprovdu servizzi relatati mal-pagamenti fost il-PSPs. F'sitwazzjoni bħal din, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ***għandhom jipproċessaw biss data personali meta jwettqu*** kompitu fl-interess pubbliku ***skont l-Artikolu 6(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/679, li jkun limitat*** għall-finijiet li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Opinjoni Konġunta tal-EDPB/EDPS il-paragrafu 87*

**Emenda 1337**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***2a. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b), l-ipproċessar għandu jkun limitat għad-data meħtieġa għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi fil-forniturи ta' servizzi ta' pagament, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 biex tiddefinixxi t-tipi ta' data personali. Dawk it-tipi ta' data għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness V.***

Or. en*Ġustifikazzjoni*

*L-EDPB u l-EDPS jinnotaw in-nuqqas ta' kategoriji elenkati ta' data personali li għandha tiġi pproċessata mill-PSSs meta joperaw l-iskambju ta' messaġġi għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-Artikolu 27(2) tal-Proposta, kif ukoll in-nuqqas ta' kjarifika dwar min jipprovdi din l-informazzjoni. Għalhekk, l-EDPB u l-EDPS jirrakkomandaw iż-żieda ta' dawn il-kjarifiki fl-Anness V.*

**Emenda 1338**
**Regina Doherty**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza ***komprensivi*** sabiex jiġi żgurat li l-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali. ***Dawn il-miżuri għandhom jiġu soġġetti għal rieżami regolari u aġġornament biex jiġi żgurat li l-preżervazzjoni tal-privatezza tibqa' fl-aktar livell avvanzat u komprensiv.*** |

Or. en

**Emenda 1339**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturі ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturі ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament ***jew indirettament*** lill-utenti individwali tal-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1340**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preservazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturі ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali. | 4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' ***preżervazzjoni*** tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturі ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament ***jew indirettament*** lill-utenti individwali tal-euro diġitali. |

Or. en

**Emenda 1341**

**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4 a. Il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati skont dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti [għad-Direttiva u r-Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju].*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-servizzi ta' appoġġ se jittrattaw data personali sensittiva fil-ġestjoni ta' tilwim jew frodi. Id-data personali tal-konsumatur trid tinżamm sigura u għalhekk is-servizzi ta' appoġġ għandhom ikunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (DORA).*

**Emenda 1342**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-fornituri tas-servizzi ta' appoġġ għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-ħatra mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-operaturi ta' kwalunkwe servizz relatat mal-pagament fost il-PSPs u l-awditjar tal-livell tal-prestazzjoni tas-servizz mingħajr l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Opinjoni Konġunta 02/2023tal-EDPB/EDPS il-paragrafu 84: "il-koleġiżlaturi huma mistiedna jneħħu mill-Artikolu 36(5) il-kwalifika tal-PSSs bħala kontrollur fil-każijiet kollha, tali kwalifika għandha tiġi vvalutata fi stadju aktar tard fid-dawl tal-kompiti effettivi fdati mill-BĊE lill-PSSs fir-rigward tal-Artikoli 27 u 32 tal-Proposta, kif ukoll il-gwida tal-EDPB u tal-EDPS dwar il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur".*

**Emenda 1343**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 36a*** |
| | ***Salvagwardji għall-euro diġitali offline*** |
| | ***It-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali offline għandhom jitfasslu biex jiżguraw anonimità massima, ekwivalenti għall-flus kontanti sal-limitu massimu teknoloġikament fattibbli.*** |
| | ***L-apparati li jippermettu l-ħżin tal-euro diġitali offline għandhom:*** |
| | ***a) ma jaħżnu l-ebda kronoloġija ta' tranżazzjonijiet fit-tul lil hinn mis-salvagwardji tekniċi li jipprevjenu nfiq doppju;*** |
| | ***b) ma jippermettux tfassil ta' profil, ġeolokalizzazzjoni, analitika tal-imġiba jew użu trażversali ta' identifikaturi tal-apparat;*** |
| | ***c) jippermettu r-risettjar jew it-tħassir tad-data maħżuna mill-utent. L-aċċess għal kwalunkwe data dwar it-tranżazzjonijiet offline għal finijiet ta' AML/CFT jista' jseħħ biss fuq awtorizzazzjoni ġudizzjarja.*** |

Or. en

**Emenda 1344**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 36b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 36b*** |
| | ***Lokalità tad-data*** |
| | ***Id-data kollha dwar it-tranżazzjonijiet, il-kjavi kriptografiċi u l-komponenti tar-reġistru jridu jinħażnu u jiġu pproċessati esklużivament fl-Unjoni. It-trasferimenti transfruntiera huma pprojbiti sakemm il-Kummissjoni ma tikkonfermax li jeżisti livell ekwivalenti ta' protezzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1345**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali | Regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ***online u*** offline ta' valur baxx bl-euro diġitali |

Or. en

**Emenda 1346**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' | Regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali ***u għat-*** |

| | |
|---|---|
| pagament offline bl-euro diġitali | ***tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali ta' valur baxx*** |

Or. en

**Emenda 1347**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali | Regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline ***u ta' valur baxx*** bl-euro diġitali |

Or. en

**Emenda 1348**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx iżommu data dwar it-tranżazzjonijiet relatata ma' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali li ma jaqbżux limitu massimu ta' valur baxx, li għandhom jiġu ddefiniti permezz ta' atti delegati bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju f'konformità mal-paragrafu 6, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju li ġejjin:*** |
| | ***a) it-tranżazzjoni ma tidhirx li hija marbuta ma' tranżazzjonijiet oħrajn li jaqbżu l-limitu massimu;*** |
| | ***b) il-finanzjament u d-definanzjament ma*** |

***twettqux fi flus kontanti jew flus elettroniċi anonimi;***

***c) il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkollux raġunijiet raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.***

Or. en

**Emenda 1349**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu -1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1 a. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw approċċ tal-livelli għall-pagamenti ta' inkorporazzjoni u awtorizzanti li japplikaw livelli differenti ta' skrutinju għat-tranżazzjonijiet skont ir-riskju. Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-euro diġitali għall-gruppi vulnerabbli msemmijin fl-Artikolu 14, il-paragrafu 5, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament huma eżentati milli japplikaw, kompletament jew parzjalment, il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament AML, meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju speċifiċi:*** |
| | ***a) jintuża l-istrument ta' pagament u ma jaqbiżx il-limiti massimi speċifikati f'konformità mal-paragrafu 5 għall-valur massimu tat-tranżazzjonijiet aggregati u l-euros massimi maħżuna fil-kont;*** |
| | ***b) l-istrument ta' pagament ma jiġix iffinanzjat bi flus elettroniċi anonimi;*** |
| | ***c) ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.*** |

***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni mill-obbligi ta' traċċabbiltà ta' ċerti strumenti jew apparati ta' pagament skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 2, il-paragrafu 2 tar-Regolament 2023/1113 [ir-Regolament dwar it-Trasferimenti tal-Fondi]***

Or. en

**Emenda 1350**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu -1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-intermedjarji li joffru kartieri tal-euro diġitali għandhom jipprovdu approċċ tal-livelli għall-pagamenti ta' inkorporazzjoni u awtorizzanti li japplikaw livelli differenti ta' skrutinju għat-tranżazzjonijiet skont ir-riskju.*** |
| | ***Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-euro diġitali għall-gruppi vulnerabbli msemmija fl-Artikolu 14, il-paragrafu 5, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament huma eżentati milli japplikaw, kompletament jew parzjalment, il-miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijent imsemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament AML, meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju speċifiċi:*** |
| | ***a) l-istrument ta' pagament jintuża bħala strument ta' pagament ta' valur baxx u ma jaqbiżx il-limiti massimi speċifikati f'konformità mal-paragrafu 5 għall-valur massimu tat-tranżazzjonijiet aggregati u l-euros massimi maħżuna fil-kont;*** |
| | ***b) l-istrument ta' pagament ma jistax jiġi ffinanzjat bi flus elettroniċi anonimi;*** |

***c) ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli għal suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu.***

Or. en

**Emenda 1351**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa ***6*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. | 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa ***4*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. ***Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 4 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali u tranżazzjonijiet online ta' inqas minn EUR 100.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tranżazzjonijiet online ta' valur baxx u ta' riskju baxx għandhom jibbenefikaw minn reġim eħfef.*

**Emenda 1352**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 6 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. | 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 6 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. ***Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li ġew identifikati mill-AMLA*** |

***jew mis-superviżur kompetenti skont id-Direttiva (UE) 2024/1640 bħala li huma esposti għal riskju għoli ta' ħasil tal-flus/finanzjament tat-terroriżmu ma għandhomx jipprovdu servizzi ta' pagament offline.***

Or. en

**Emenda 1353**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 6 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. | 1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 6 għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali ***u għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online li jkunu taħt il-limitu ta' tranżazzjoni msemmi fil-paragrafu 5***. |

Or. en

**Emenda 1354**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex ***tinżamm*** mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-banek ċentrali Ewropej u mill-banek ċentrali nazzjonali. | 2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ***relatata ma' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali offline*** ma għandhiex ***tiġi aċċessata, tinħażen jew tiġi pproċessata*** mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew mill-banek ċentrali Ewropej u mill-banek ċentrali nazzjonali ***u ma għandhiex tinħażen fl-apparat għall-ħżin lokali***. |

Or. en

**Emenda 1355**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex ***tinżamm*** mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jew ***mill-banek*** ċentrali ***Ewropej*** u mill-banek ċentrali nazzjonali. | 2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ***ta' pagament relatata ma' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali*** ma għandhiex ***tiġi pproċessata*** mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jew ***mill-Bank*** Ċentrali ***Ewropew*** u mill-banek ċentrali nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 1356**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex ***tinżamm*** mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jew mill-banek ċentrali Ewropej u mill-banek ċentrali nazzjonali. | 2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex ***tiġi aċċessata, tinħażen jew tiġi pproċessata*** mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jew mill-banek ċentrali Ewropej u mill-banek ċentrali nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 1357**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iżommu d-data ta' finanzjament u ta' definanzjament għall-ħżin tal-euro diġitali fuq l-istrumenti ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu dak l-Artikolu. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom, fuq talba, jagħmlu dik id-data disponibbli għall-Unità tal-Intelligence Finanzjarja u għal awtoritajiet kompetenti oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 2(31) tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final].*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849 japplika biss għall-entitajiet marbutin b'obbligu bħall-banek, u mhux għat-tranżazzjonijiet fi flus b'mod ġenerali. L-istess għandu japplika għall-pagamenti diġitali bl-euro offline.*

**Emenda 1358**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, id-data dwar il-finanzjament u d-definanzjament tfisser dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-ammont iffinanzjat jew iddefinanzjat;*** | |
| ***(b) l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali għall-pagament offline bl-euro diġitali;*** | |
| ***(c) id-data u l-ħin tat-tranżazzjoni ta' finanzjament u ta' definanzjament;*** | |
| ***(d) in-numri tal-kontijiet użati għall-*** | |

***finanzjament u għad-definanzjament.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Wara t-tħassir tal-paragrafu 3.*

**Emenda 1359**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limiti ta' tranżazzjoni u ta' żamma għandhom jiġu determinati mil-leġiżlatur.*

**Emenda 1360**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta'*** | ***imħassar*** |

***eżami msemmija fl-Artikolu 39.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-flus kontanti lanqas ma hemm xi limitu fuq l-ammonti jew fuq it-tranżazzjonijiet impost mil-liġi tal-UE.*

**Emenda 1361**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu*** limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39***. | 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati biex tistabbilixxi:*** |
| | ***(a) il-limitu massimu għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ta' valur baxx u l-kundizzjonijiet ta' mitigazzjoni:*** |
| | ***(b)*** limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina regolarment l-atti delegati fuq bażi regolari biex tiżgura li l-limiti massimi relatati jibqgħu xierqa għal-livell tar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettanza tal-euro diġitali***. |

Or. en

**Emenda 1362**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati*** f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39***. | 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati f'konformità mal-Artikolu 38*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. ***Għall-fini tad-definizzjoni tal-limitu ta' tranżazzjonijiet għat-tranżazzjonijiet online ta' pagament bl-euro diġitali msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati*** f'konformità ***mal-Artikolu 38***. |

Or. en

**Emenda 1363**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39***. | 5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-Artikolu 38***. |

Or. en

**Emenda 1364**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-AMLA għandha toħroġ rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea biex tispeċifika:*** |
| | ***(a) il-limitu massimu u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju rakkomandati għal tranżazzjonijiet online ta' pagament bl-euro diġitali ta' valur baxx;*** |
| | ***(b) l-ammont massimu rakkomandat għal kull tranżazzjoni offline;*** |
| | ***(c) il-limiti aggregati rakkomandati fuq il-valur totali tat-tranżazzjonijiet offline fuq perjodu definit, inklużi limiti massimi fix-xahar;*** |
| | ***(d) l-ammonti miżmumin massimi rakkomandati permessi offline;*** |
| | ***(e) il-kundizzjonijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju li taħthom jistgħu jiġu applikati obbligi ta' diliġenza dovuta simplifikata jew eżenzjoni minn diliġenza dovuta simplifikata fir-rigward tal-istrument ta' pagament offline.*** |

Or. en

**Emenda 1365**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti implimentazzjoni msemmijin fil-*** | ***imħassar*** |

***paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin:***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limiti ta' tranżazzjoni u ta' żamma għandhom jiġu determinati mil-leġiżlatur.*

**Emenda 1366**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin:*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-flus kontanti lanqas mhemm xi limitu fuq l-ammonti jew fuq it-tranżazzjonijiet impost mil-liġi tal-UE.*

**Emenda 1367**
**Rada Laykova, Siegbert Frank Droese**
f'isem il-Grupp ESN

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l- | Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l- |

| | |
|---|---|
| ħtieġa ta’ prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestrinġux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta’ pagament. Meta tfassal l-atti implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis ***b’mod partikolari dawn li ġejjin:*** | ħtieġa ta’ prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestrinġux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta’ pagament. Meta tfassal l-atti implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis ***il-valutazzjoni tar-riskji ta’ ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu, ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, u l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta’ valuta legali. L-ipproċessar ta’ data personali għat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali għandu jkun limitat strettament għal dak li huwa teknikament indispensabbli għas-saldu. Kwalunkwe forma ta’ tfassil ta’ profil, analiżi tal-imġiba jew traċċar fit-tul tal-imġiba tal-pagament individwali għandha tkun espliċitament ipprojbita. It-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali offline għandhom jiżguraw livell ta’ privatezza ekwivalenti għall-pagamenti bi flus kontanti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ssaħħaħ il-protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-utenti tal-euro diġitali billi tintroduċi obbligi stretti ta’ minimizzazzjoni tad-data u tipprojbixxi b’mod espliċitu t-tfassil ta’ profil, l-analiżi tal-imġiba u t-traċċar fit-tul. Din tipprevjeni l-ħolqien ta’ settijiet ta’ data dwar l-imġiba ċentralizzati filwaqt li żżomm l-objettivi tal-AML/tas-CFT.*

**Emenda 1368**
**Damian Boeselager**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta’ prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li | Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta’ prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li |

| | |
|---|---|
| ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***implimentazzjoni msemmijin*** fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin: | ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***delegati msemmijin*** fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis ***ir-rakkomandazzjoni tal-AMLA u*** b'mod partikolari dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 1369**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***implimentazzjoni*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin: | Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline ***u online*** bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***delegati*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 1370**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti | Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestringux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***delegati*** |

***implimentazzjoni*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin:

msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin:

Or. en

**Emenda 1371**
**Rada Laykova, Siegbert Frank Droese**
f'isem il-Grupp ESN

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) valutazzjoni tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu tal-euro diġitali meta jiġi ffinanzjat u ddefinanzjat l-istrument ta' pagament tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux meħtieġa peress li ġiet inkorporata fl-emenda 15.*

**Emenda 1372**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) valutazzjoni tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu tal-euro diġitali meta jiġi ffinanzjat u ddefinanzjat l-istrument ta' pagament tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1373**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) valutazzjoni tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu tal-euro diġitali meta jiġi ffinanzjat u ddefinanzjat l-istrument ta' pagament tagħhom;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1374**
**Rada Laykova, Siegbert Frank Droese**
f'isem il-Grupp ESN

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) rakkomandazzjonijiet u rapporti rilevanti mfasslin minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn dawk li jistabbilixxu l-istandards b'kompetenza fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux meħtieġa peress li ġiet inkorporata fl-emenda 15.*

**Emenda 1375**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) rakkomandazzjonijiet u rapporti rilevanti mfasslin minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn dawk li jistabbilixxu l-istandards b'kompetenza fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1376**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) rakkomandazzjonijiet u rapporti rilevanti mfasslin minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn dawk li jistabbilixxu l-istandards b'kompetenza fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1377**
**Rada Laykova, Siegbert Frank Droese**
f'isem il-Grupp ESN

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux meħtieġa peress li ġiet inkorporata fl-emenda 15.*

**Emenda 1378**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1379**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1380**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(ca) l-objettiv tal-introduzzjoni ta' strument ta' pagament li joffri livell ta' privatezza simili għal dak tal-karti tal-flus u l-muniti.*** |

Or. en

**Emenda 1381**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni tista' titlob lill-AMLA sabiex tadotta opinjoni li tivvaluta l-livell ta' theddidiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline u l-vulnerabbiltajiet tiegħu. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1382**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni tista' titlob lill-AMLA sabiex tadotta opinjoni li tivvaluta l-livell ta' theddidiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline u l-vulnerabbiltajiet tiegħu. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1383**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet tal-punt (a),*** il-Kummissjoni ***tista' titlob lill-AMLA sabiex*** tadotta ***opinjoni li tivvaluta l-livell ta' theddidiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline u l-vulnerabbiltajiet tiegħu***. ***Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.*** | Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta ***l-atti delegati msemmija fil-paragrafi 1 u 5 sa 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***. |

Or. en

**Emenda 1384**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni tista' titlob lill-AMLA sabiex tadotta opinjoni li tivvaluta l-livell ta' theddidiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline u l-vulnerabbiltajiet tiegħu. Il-Kummissjoni ***tista'*** tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. | Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni tista' titlob lill-AMLA sabiex tadotta opinjoni li tivvaluta l-livell ta' theddidiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-euro diġitali offline ***u online*** u l-vulnerabbiltajiet tiegħu. Il-Kummissjoni ***għandha*** tikkonsulta lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. |

Or. en

**Emenda 1385**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa sena wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u wara li tikkonsulta mal-AMLA u mal-EDPB, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u dwar il-vulnerabbiltajiet u r-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali, akkumpanjat, meta xieraq, minn proposta leġiżlattiva.*** |
| | ***Ir-rapport għandu jkun fih, inter alia:*** |
| | ***(a) valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u r-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jifdal assoċjati mat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali li jibbenefikaw minn privatezza mtejba;*** |
| | ***(b) valutazzjoni tal-vulnerabbiltajiet u tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu li jifdal tal-euro diġitali meta jiġi ffinanzjat u ddefinanzjat l-istrument ta' pagament tagħhom;*** |
| | ***(c) valutazzjoni tal-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali.*** |

Or. en

**Emenda 1386**
**Katri Kulmuni**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu IXa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kapitolu IXa*** |
| | ***Reżiljenza u tħejjija fil-pagamenti bl-euro diġitali*** |

***Artikolu 37a***

***Possibbiltà ta' adozzjoni ta' ċerti miżuri f'ċirkostanzi eċċezzjonali***

***Jistgħu jiġu adottati waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu, kif ikun xieraq, f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tfixkil mifrux u sever tal-kontinwità tal-pagamenti diġitali, inklużi pagamenti bl-euro diġitali, jew riskju kredibbli u imminenti ta' tali tfixkil li jaffettwa jew jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, Stat Membru jew iż-żona tal-euro:***

***a) jogħlew il-limiti ta' ammonti miżmumin u tat-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali;***

***b) qlib ta' emerġenza;***

***c) tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali.***

***Il-miżuri elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), għandhom ikunu limitati fiż-żmien, iġġustifikati kif xieraq u proporzjonati. Il-miżuri għandhom jiġu applikati matul il-perjodu ta' żmien li huwa meħtieġ fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali inkwistjoni.***

***Artikolu 37b***

***Proċeduri biex jogħlew il-limiti ta' ammonti miżmumin u tat-tranżazzjonijiet offline tal-euro diġitali***

***1. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 37a, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu talba lill-Kummissjoni għal żieda temporanja fil-limiti ta' tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u fil-limiti tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali offline applikabbli, fil-limiti tal-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur stabbilit f'konformità mal-Artikolu 16. Tali talba għandha tispeċifika, u tkun limitata, għall-kategoriji rilevanti ta' utenti taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru jew l-Istati Membri rikjedenti, u***

***għandha tinkludi r-raġunijiet li jiġġustifikaw dik il-miżuri u d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem previsti għall-applikazzjoni tagħha. Id-durata tal-miżura ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Meta jiskadi dak il-perjodu, l-Isat Membru konċernat jista' jissottometti talba mġedda f'konformità ma' dan l-Artikolu, meta jkun iġġustifikat kif xieraq.***

***2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Istati Membri għajr dawk li jitolbu l-miżura prevista fil-paragrafu 1 jistgħu jissottomettu l-opinjoni tagħhom dwar il-miżura proposta mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ f'limitu ta' 24 siegħa min-notifika tat-talba mill-Kummissjoni.***

***3. Jekk iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 37a jkunu preżenti u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu għall-adozzjoni tal-miżura, il-Kummissjoni, wara li tqis kif xieraq l-opinjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, għandha tadotta l-att ta' implimentazzjoni tagħha li jistabbilixxi ż-żieda temporanja tal-limiti tat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali u tal-ammonti miżmumin, l-ambitu tal-applikazzjoni tiegħu, inklużi l-applikazzjoni territorjali u l-iskeda ta' żmien ta' dik iż-żieda, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien 48 siegħa wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1. F'każ ta' deċiżjoni negattiva, il-Kummissjoni għandha tipprovdi raġunijiet għaliha. Meta tadotta tali att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 37(6).***

***4. Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll tali miżura fuq l-inizjattiva proprja tagħha. Il-paragrafu 2 għandu japplika mutatis mutandis.***

***5. Il-miżura ma għandhiex tibqa' tapplika wara tmiem l-iskeda ta' żmien prevista fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, meta ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 37a li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżura jkunu***

***għadhom jeżistu, jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu, il-Kummissjoni għandha, fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew wara talba mill-Istat Membru konċernat, mingħajr dewmien żejjed, tadotta att ta' implimentazzjoni ġdid skont il-paragrafu 3 li jemenda jew iħassar il-miżura. Il-paragrafu 2 għandu japplika wkoll.***

***Artikolu 37c***

***Qlib ta' emerġenza f'ċirkostanzi eċċezzjonali***

***1. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 37a, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu talba motivata lill-Bank Ċentrali Ewropew jew lill-bank ċentrali nazzjonali relevanti biex jawtorizzaw il-qlib ta' emerġenza għall-entità jew entitajiet iddeżinjati minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 37d jekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru rikjedenti, il-miżura hija ġġustifikata u proporzjonata għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:***

***(a) biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali;***

***(b) biex jiġi protett l-aċċess tal-utenti tal-euro diġitali għall-ammonti miżmumin tagħhom tal-euro diġitali.***

***2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, qlib ta' emerġenza għandu jfisser awtorizzazzjoni tal-bdil tal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji u servizzi ta' akkwist obbligatorji, kif imsemmi fl-Anness II u fl-Anness IIa, minn fornitur wieħed jew fornituri ta' servizzi ta' pagament għal fornitur jew fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn iddeżinjati mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 37d(1). Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament riċeventi għandu jwettaq il-qlib ta' emerġenza meta jirċievi notifika ta' tali awtorizzazzjoni, mingħajr dewmien żejjed u mingħajr il-ħtieġa li jiskambja informazzjoni mal-***

***fornitur ta' servizzi ta' pagament mhux disponibbli.***

***3. Il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti jista' jiddiskuti mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-miżuri proporzjonati li għandhom jiġu adottati. Dawn għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni tal-qlib ta' emerġenza biss jekk tali awtorizzazzjoni ma tkunx iġġustifikata fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1.***

***4. Il-qlib ta' emerġenza skont dan l-Artikolu għandu jkun miżura temporanja. Għandu japplika biss dment li l-miżura tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1. Meta ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 37a li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżura jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu, il-miżura għandha tiġi emendata jew titħassar skont l-istess metodi u proċeduri li wasslu għall-adozzjoni tagħha. Id-durata tal-miżura ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Qabel jiskadi dak il-perjodu, l-Isat Membru konċernat jista' jissottometti talba mġedda f'konformità ma' dan l-Artikolu, meta jkun iġġustifikat kif xieraq.***

***5. Meta l-qlib ta' emerġenza jitwettaq f'konformità ma' dan l-Artikolu, in-numru ta' aċċess tal-pagament bl-euro diġitali għandu jinżamm.***

***6. Meta jiftħu kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitolbu mill-utenti tal-euro diġitali l-awtorizzazzjoni tagħhom li jikkondividu, ma' awtoritajiet jew entitajiet iddeżinjati oħrajn biex jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji skont l-Artikolu 37d, l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw ir-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali sabiex jiġi ffaċilitat il-qlib ta' emerġenza fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-utenti tal-euro diġitali jistgħu jiddeċiedu wkoll li ma jagħtux dik***

***l-awtorizzazzjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali jew jirtirawha fi kwalunkwe ħin wara dan.***

***7. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-utenti tal-euro diġitali dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' awtorizzazjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-impossibbiltà li jitwettaq il-qlib ta' emerġenza previst f'dan l-Artikolu.***

***Artikolu 37d***

***Tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali f'ċirkostanzi eċċezzjonali***

***Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 37a, u dment biss li dan jibqa' ġġustifikat, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li waħda jew aktar mill-awtoritajiet jew l-entitajiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (d), u (f) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji għall-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12a(1), il-punti (a) sa (f) li huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-kontinwità ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji ta' kuljum.***

***Artikolu 37e***

***Infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali, proċeduri ta' rkupru, rapportar u ttestjar***

***1. L-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali għandha tikkonsisti minn siti ta' pproċessar fiżikament separati, li kollha flimkien jiffurmaw sistema ta' pagament bl-euro diġitali reżiljenti.***

***2. Sit ta' pproċessar għandu:***

***a) ikun fiżikament jinsab fl-Unjoni f'distanza ġeografika xierqa minn sit ta' pproċessar ieħor;***

***b) ikollu r-riżorsi, il-kapaċitajiet, il-funzjonijiet u l-arranġamenti tal-persunal adegwati biex tiġi żgurata l-operabbiltà tiegħu; u***

***c) ikun kapaċi jiżgura l-kontinwità ta' funzjonijiet ta' saldu importanti jew kritiċi f'każ ta' tfixkil, inċident jew attakk li jikkomprometti s-sigurtà, id-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tad-data, jew is-servizzi pprovduti minn sit ta' pproċessar ieħor.***

***3. L-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali għandu jkollha stabbiliti politiki, proċeduri u metodi dokumentati għal restawr u rkupru rapidi u effiċjenti ta' sit ta' pproċessar. L-attivazzjoni tal-politiki, il-proċeduri u l-metodi ma għandhiex tipperikola s-sigurtà, id-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tad-data relatati mal-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali.***

***4. L-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali għandu jkollha stabbiliti proċessi biex jiġi vvalutat jekk it-tfixkil, l-inċident jew l-attakk li jaffettwaw sit ta' pproċessar għandhomx impatt sinifikanti fuq l-operabbiltà tal-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali u, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti dwar tali tfixkil, inċident jew attakk sinifikanti.***

***5. Ir-reżiljenza tal-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali għandha tiġi ttestjata perjodikament b'mod komprensiv. It-testijiet imwettqa għandhom jirriflettu x-xenarju tat-theddid li jevolvi u l-emerġenza ta' riskji ġodda.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Article 37a ensures that digital euro payments can continue even during major disruptions such as natural disasters or serious cyber incidents. Article 37b ensures that people and businesses can keep using the digital euro during exceptional situations by allowing temporary increases to offline payment and holding limits. This makes the digital euro more practical when normal digital payment systems are disrupted. Article 37c keeps digital euro payments functioning during exceptional disruptions by allowing a temporary switch to backup payment service providers. Article 37d ensures that citizens can continue using the digital euro during exceptional disruptions by allowing Member States to appoint certain authorities or entities to temporarily provide vital digital euro payment services.*

**Emenda 1387**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33, 34 u 35*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***14, 34, 35, 36, 37 u 38*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. |

Or. en

**Emenda 1388**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33, 34 u 35*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***16, 33, 34, 35 u 37*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. |

Or. en

**Emenda 1389**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, 33, 34 ***u*** 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, 33, 34***,*** 35 ***u 37*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. |

Or. en

**Emenda 1390**
**Fabio De Masi**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***11,*** 33, 34 u 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | (2) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 33, 34 u 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. |

Or. de

**Emenda 1391**
**Luděk Niedermayer**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, 33, 34 u 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***16,*** 33, 34 u 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. |

Or. en

**Emenda 1392**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33, 34 u 35*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | 3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***16, 33, 34, 35 u 37*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 1393**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, 33, 34 ***u*** 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew | 3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, 33, 34**,** 35 ***u 37*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew |

| | |
|---|---|
| mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |
| | Or. en |

**Emenda 1394**
**Fabio De Masi**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***11,*** 33, 34 u 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din issir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ. | (3) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 33, 34 u 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din issir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ. |
| | Or. de |

**Emenda 1395**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti | 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***lill-*** |

| | |
|---|---|
| nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. | ***Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u*** esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Opinjoni Konġunta tal-EDPB/EDPS 02/2023 il-paragrafu 99.*

**Emenda 1396**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. | 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u*** esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. |

Or. en

**Emenda 1397**
**Martin Schirdewan, Martin Günther, Özlem Demirel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti | 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti |

| | |
|---|---|
| nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. | nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Il-kummenti ta' dawk l-esperti għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew.*** |

Or. en

**Emenda 1398**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 11, 33, 34 ***u*** 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 11, ***16,*** 33, 34***,*** 35 ***u 37*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

Or. en

**Emenda 1399**
**Fabio De Masi**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 38 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Att delegat adottat skont l-Artikoli ***11,*** 33, 34 u 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda | (6) Att delegat adottat skont l-Artikoli 33, 34 u 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni |

oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn meta jintalab mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn meta jintalab mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Or. de

**Emenda 1400**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għal dak l-għan,*** il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jirrapporta dwar l-iżvilupp*** tal-euro diġitali ***u l-użu tiegħu***. ***Ir-rapport għandu jkopri l-kontribut tal-Bank Ċentrali Ewropew*** fl-implimentazzjoni ***tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar l-elementi li ġejjin***: | ***Qabel il-ħruġ ippjanat tal-euro diġitali u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali,*** il-Bank Ċentrali Ewropew għandu ***jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni informazzjoni komprensiva u trasparenti dwar l-analiżi tiegħu li ssejjes il-kalibrazzjoni ta' dawn il-parametri. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal:***<br><br>***(a) informazzjoni dwar l-istrumenti biex jiġi llimitat l-użu*** tal-euro diġitali ***kif imsemmi fl-Artikolu 16. Din id-divulgazzjoni trid tqis l-ambjent finanzjarju u monetarju prevalenti u kwalunkwe bidla antiċipata li tista' tirriżulta b'riżultat tad-diġitalizzazzjoni tas-settur finanzjarju, inklużi l-implikazzjonijiet ta' użu li qed jikber tal-assi diġitali privati bħall-istablecoins.***<br><br>***(b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennija jilħqu l-objettivi stabbiliti fl-*** |

***Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tinkludi ġustifikazzjoni ċara għall-istrumenti u l-parametri proposti, appoġġata minn data u evidenza robusti, evalwazzjoni tar-riskji potenzjali u l-benefiċċji għall-istabbiltà fiż-żona tal-euro kollha u kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet ekonomiċi usa';***

***(c) informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-BĊE għandu juri b'mod espliċitu kif ġie applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità fit-tfassil u*** fl-implimentazzjoni ***tal-istrumenti u l-parametri. Dan jinkludi l-iżgurar li l-miżuri proposti jkunu xierqa u meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tagħhom mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ u l-ibbilanċjar tal-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja mad-drittijiet u l-interessi tal-individwi, b'mod partikolari f'termini ta' aċċessibbiltà u użu tal-euro diġitali;***

***(d) valutazzjoni dettaljata tal-għażliet alternattivi: Il-BĊE għandu jipprovdi analiżi komparattiva ta' għażliet alternattivi meqjusa biex jintlaħqu l-istess objettivi.***

Or. en

**Emenda 1401**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) il-livell ta' tariffi jew ta' imposti li għandhom jitħallsu min-negozjanti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament, jew li għandhom jitħallsu bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1402**
**Auke Zijlstra**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-kostijiet imġarrba mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-ġestjoni tas-sistema ta' pagament bl-euro diġitali, inkluż it-tħaddim tal-infrastruttura għas-saldu;*** |

Or. en

**Emenda 1403**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-interoperabbiltà tal-euro diġitali ma' muniti oħrajn fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro u f'pajjiżi terzi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1404**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-iżvilupp ta' muniti diġitali tal-banek ċentrali minbarra l-euro diġitali fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro u f'pajjiżi terzi rilevanti, u r-*** | ***imħassar*** |

***rilevanza ta' dawn l-iżviluppi għaż-żona tal-euro;***

Or. en

**Emenda 1405**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) ix-xejriet tas-suq fil-pagamenti u r-rilevanza ta' dawn ix-xejriet għal każijiet ta' użu innovattiv.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1406**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-istat ta' implimentazzjoni ta' karatteristiċi li jsaħħu l-privatezza fit-tfassil u t-tħaddim tal-euro diġitali, inklużi l-minimizzazzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku u l-valutazzjoni ta' sistemi reżiljenti għal għarfien żero u teknoloġiji oħrajn li jsaħħu l-privatezza;*** |

Or. en

**Emenda 1407**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda eżistenti u l-emerġenza tagħhom li jista' jkun ta' rilevanza għall-infrastruttura tal-euro diġitali.*** |

Or. en

**Emenda 1408**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) ir-reżiljenza operattiva tal-infrastruttura tal-euro diġitali, inklużi inċidenti taċ-ċibersigurtà, xejriet ta' frodi u miżuri ta' kontinġenza;*** |

Or. en

**Emenda 1409**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) il-prestazzjoni ambjentali u tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-euro diġitali.*** |

Or. en

**Emenda 1410**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Qabel il-ħruġ ippjanat tal-euro diġitali u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni:*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1411**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Qabel il-ħruġ ippjanat tal-euro diġitali u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni: | 2. Qabel il-ħruġ ippjanat tal-euro diġitali***,*** u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ***b'informazzjoni komprensiva u trasparenti dwar l-analiżi li ssejjes il-kalibrazzjoni ta' dawn il-parametri. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal***: |

Or. en

**Emenda 1412**

**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Qabel il-ħruġ ***ippjanat*** tal-euro diġitali u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni: | 2. Qabel il-ħruġ tal-euro diġitali u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni: |

Or. en

**Emenda 1413**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) informazzjoni dwar l-istrumenti sabiex jiġi limitat l-użu tal-euro diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 16 u l-parametri li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun qiegħed jippjana li jadotta fid-dawl tal-ambjent finanzjarju u monetarju prevalenti;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1414**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (a) informazzjoni dwar l-istrumenti sabiex jiġi limitat l-użu tal-euro diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 16 ***u l-parametri li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun qiegħed jippjana li jadotta fid-dawl tal-ambjent*** finanzjarju u monetarju prevalenti; | (a) informazzjoni dwar l-istrumenti sabiex jiġi limitat l-użu tal-euro diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 16***. Din id-divulgazzjoni għandha tqis l-ambjent*** finanzjarju u monetarju prevalenti***, kif ukoll l-iżviluppi antiċipati li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tas-settur finanzjarju, inkluż l-użu li qed jikber tal-assi diġitali privati bħall-istablecoins.*** |

Or. en

**Emenda 1415**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennijin jilħqu l-objettiv tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1416**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennijin jilħqu ***l-objettiv tas-salvagwardja tal-istabbiltà*** finanzjarja. | (b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennijin jilħqu ***l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 15(1). Din l-ispjegazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni ċara għall-istrumenti u l-parametri magħżula, ibbażata fuq data u evidenza robusti, valutazzjoni tar-riskji potenzjali u l-benefiċċji għall-istabbiltà*** finanzjarja ***fiż-*** |

***żona tal-euro kollha u kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet ekonomiċi usa';***

Or. en

**Emenda 1417**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennijin jilħqu l-objettiv tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja. | (b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennijin jilħqu l-objettiv tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja ***u s-sovranità monetarja, u l-appoġġ tat-trażmissjoni effettiva tal-politika monetarja***. |

Or. en

**Emenda 1418**
**Pasquale Tridico**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) informazzjoni dwar kif ġie applikat il-prinċipju tal-proporzjonalità fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-parametri, li juri li l-miżuri huma xierqa u meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tagħhom mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ, u li joħolqu bilanċ bejn is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarjar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà u l-użu tal-euro diġitali.*** |

Or. en

**Emenda 1419**
**Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Sena wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li janalizza l-impatt tal-parametri u l-użu tal-istrumenti msemmijin fl-Artikolu 16 fuq:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) ir-rwol tal-intermedjarji finanzjarji fil-finanzjament tal-ekonomija;*** | |
| ***(b) ir-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fir-Regolament 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** | |

Or. en

**Emenda 1420**
**Luděk Niedermayer**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Sa mhux aktar tard mill-2028, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew jista', abbażi ta' opinjoni motivata li l-implimentazzjoni tal-proġett tal-euro diġitali materjalment qed tiddevja mill-qafas stabbilit f'dan ir-Regolament, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta rapport, imħejji f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, dwar il-progress li sar lejn l-istabbiliment tal-euro diġitali. Abbażi tal-valutazzjoni ta' dak ir-rapport, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew jista'*** |

***jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tieħu miżuri xierqa.***

Or. en

**Emenda 1421**
**Auke Zijlstra, Pierre Pimpie**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40a*** |
| | ***Fażi Pilota*** |
| | ***1. L-euro diġitali bl-ingrossa u offline introdott b'dan ir-Regolament għandu jopera fuq bażi pilota għal mill-inqas ħames snin.*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni u l-BĊE għandhom jippubblikaw rapport ta' evalwazzjoni komprensiv li jivvaluta:*** |
| | ***a) l-effetti tal-istabbiltà finanzjarja;*** |
| | ***b) il-konformità mal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data;*** |
| | ***c) l-impatt tas-suq fuq soluzzjonijiet ta' pagament Ewropej;*** |
| | ***d) il-prestazzjoni teknoloġika.*** |
| | ***3. Kwalunkwe deċiżjoni biex jiġi introdott euro diġitali bl-imnut jew online trid tiġi adottata biss permezz ta' att leġiżlattiv ġdid u separat, soġġett għal skrutinju demokratiku sħiħ.*** |
| | ***4. Ma għandha sseħħ l-ebda tranżizzjoni awtomatika minn piloti bl-ingrossa/offline għall-użu bl-imnut.*** |

Or. en

**Emenda 1422**

**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40a*** |
| | ***Possibbiltà ta' adozzjoni ta' ċerti miżuri f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |
| | ***Jistgħu jiġu adottati waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu, kif ikun xieraq, f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tfixkil mifrux u sever tal-kontinwità tal-pagamenti diġitali, inklużi pagamenti bl-euro diġitali, jew riskju kredibbli u imminenti ta' tali tfixkil li jaffettwa jew jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, Stat Membru jew iż-żona tal-euro:*** |
| | ***a) jogħlew il-limiti ta' ammonti miżmumin u tat-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali;*** |
| | ***b) il-bdil ta' emerġenza;*** |
| | ***c) it-tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali;*** |
| | ***Il-miżuri elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), għandhom ikunu limitati fiż-żmien, iġġustifikati kif xieraq u proporzjonati. Il-miżuri għandhom jiġu applikati matul il-perjodu ta' żmien li huwa meħtieġ fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali inkwistjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1423**
**Eero Heinäluoma, Marina Kaljurand, Sven Mikser**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40a*** |
| | ***Possibbiltà ta' adozzjoni ta' ċerti miżuri f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |
| | ***Jistgħu jiġu adottati waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu, kif ikun xieraq, f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm tfixkil mifrux u sever tal-kontinwità tal-pagamenti diġitali, inklużi pagamenti bl-euro diġitali, jew riskju kredibbli u imminenti ta' tali tfixkil li jaffettwa jew jhedded li jaffettwa, kompletament jew parzjalment, Stat Membru jew iż-żona tal-euro:*** |
| | ***a) jogħlew il-limiti ta' ammonti miżmumin u tat-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali;*** |
| | ***b) il-bdil ta' emerġenza;*** |
| | ***c) it-tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali;*** |
| | ***Il-miżuri elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), għandhom ikunu limitati fiż-żmien, iġġustifikati kif xieraq u proporzjonati. Il-miżuri għandhom jiġu applikati matul il-perjodu ta' żmien li huwa meħtieġ fid-dawl tać-ċirkostanzi eċċezzjonali inkwistjoni.*** |

Or. en

**Emenda 1424**
**Eero Heinäluoma, Marina Kaljurand, Sven Mikser**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40b*** |
| | ***Proċeduri biex jogħlew il-limiti ta' ammonti miżmumin u tat-tranżazzjonijiet offline tal-euro diġitali*** |

***1. Iċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu talba lill-Kummissjoni għal żieda temporanja fil-limiti ta' tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u fil-limiti tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali offline applikabbli, fil-limiti tal-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur stabbilit f'konformità mal-Artikolu 16. Tali talba għandha tispeċifika, u tkun limitata, għall-kategoriji rilevanti ta' utenti taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru jew l-Istati Membri rikjedenti, u għandha tinkludi r-raġunijiet li jiġġustifikaw dik il-miżuri u d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem previsti għall-applikazzjoni tagħha. Id-durata tal-miżura ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Meta jiskadi dak il-perjodu, l-Isat Membru konċernat jista' jissottometti talba mġedda f'konformità ma' dan l-Artikolu, meta jkun iġġustifikat kif xieraq.***

***2. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Istati Membri għajr dawk li jitolbu l-miżura prevista fil-paragrafu 1 jistgħu jissottomettu l-opinjoni tagħhom dwar il-miżura proposta mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ f'limitu ta' 24 siegħa min-notifika tat-talba mill-Kummissjoni.***

***3. Jekk iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 40a jkunu preżenti u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu għall-adozzjoni tal-miżura, il-Kummissjoni, wara li tqis kif xieraq l-opinjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, għandha tadotta l-att ta' implimentazzjoni tagħha li jistabbilixxi ż-żieda temporanja tal-limiti tat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali u tal-ammonti miżmumin, il-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu, inkluż l-applikazzjoni territorjali u l-iskeda ta' żmien ta' dik iż-żieda, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien 48 siegħa wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1. F'każ ta' deċiżjoni negattiva, il-Kummissjoni għandha***

***tipprovdi raġunijiet għaliha. Meta tadotta tali att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 37(6).***

***4. Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll tali miżura fuq l-izjattiva proprja tagħha. Il-paragrafu 2 għandu japplika mutatis mutandis.***

***5. Il-miżura ma għandhiex tibqa' tapplika wara tmiem l-iskeda ta' żmien prevista fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, meta ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżura jkunu għadhom jeżistu, jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu, il-Kummissjoni għandha, fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew wara talba mill-Istat Membru konċernat, mingħajr dewmien żejjed, tadotta att ta' implimentazzjoni ġdid skont il-paragrafu 3 li jemenda jew iħassar il-miżura. Il-paragrafu 2 għandu japplika wkoll.***

Or. en

**Emenda 1425**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40b*** |
| | ***Proċeduri biex jogħlew il-limiti ta' ammonti miżmumin u tat-tranżazzjonijiet offline tal-euro diġitali*** |
| | ***1. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a, b'deroga, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu talba lill-Kummissjoni għal żieda temporanja fil-limiti ta' tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u fil-limiti tal-*** |

***ammonti miżmumin tal-euro diġitali offline applikabbli, li trid tintbagħat kif xieraq lill-BĊE. It-talba għandha tispeċifika, u tkun limitata, għall-kategoriji rilevanti ta' utenti taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru jew l-Istati Membri rikjedenti, u għandha tinkludi r-raġunijiet li jiġġustifikaw dik il-miżuri u d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem previsti għall-applikazzjoni tagħha. Id-durata tal-miżura ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Meta jiskadi dak il-perjodu, l-Isat Membru konċernat jista' jissottometti talba mġedda f'konformità ma' dan l-Artikolu, meta jkun iġġustifikat kif xieraq.***

***2. Jekk ikunu preżenti ċ-ċirkostanzi kif imsemmija fl-Artikolu 40a u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-miżura, il-Kummissjoni, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jipproponi ż-żieda temporanja tal-limiti ta' tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u tal-limiti tal-ammonti miżmumin u jeħtiġilha tissottometti talba rilevanti lill-BĊE. F'każ ta' deċiżjoni negattiva, il-Kummissjoni għandha tipprovdi raġunijiet għaliha. Meta tadotta tali att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 37(6).***

***4. Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll tali miżura fuq l-izjattiva proprja tagħha. Il-paragrafu 2 għandu japplika mutatis mutandis.***

***5. Il-miżura ma għandhiex tibqa' tapplika wara tmiem l-iskeda ta' żmien prevista fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, meta ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżura jkunu għadhom jeżistu, jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu, il-Kummissjoni għandha, fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew wara talba mill-Istat Membru konċernat, mingħajr dewmien żejjed, tadotta att ta' implimentazzjoni ġdid skont il-paragrafu 3 li jemenda jew iħassar il-***

***miżura. Il-paragrafu 2 għandu japplika wkoll.***

Or. en

**Emenda 1426**
**Eero Heinäluoma, Marina Kaljurand, Sven Mikser**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40c*** |
| | ***Bdil ta' emerġenza f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |
| | ***1. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu talba motivata lill-Bank Ċentrali Ewropew jew lill-bank ċentrali nazzjonali relevanti biex jawtorizzaw il-bdil ta' emerġenza għall-entità jew entitajiet iddeżinjati minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 40d jekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru rikjedenti, il-miżura hija ġġustifikata u proporzjonata għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:*** |
| | ***(a) biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali;*** |
| | ***(b) biex jiġi protett l-aċċess tal-utenti tal-euro diġitali għall-ammonti miżmumin tagħhom tal-euro diġitali.*** |
| | ***2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, bdil ta' emerġenza għandu jfisser awtorizzazzjoni tal-bdil tal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji u servizzi ta' akkwist obbligatorji, kif imsemmi fl-Anness II u fl-Anness IIa, minn fornitur wieħed jew fornituri ta' servizzi ta' pagament għal fornitur jew fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn iddeżinjati mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 40d(1). Il-*** |

***fornitur ta' servizzi ta' pagament riċeventi għandu jwettaq il-bdil ta' emerġenza meta jirċievi notifika ta' tali awtorizzazzjoni, mingħajr dewmien żejjed u mingħajr il-ħtieġa li jiskambja informazzjoni mal-fornitur ta' servizzi ta' pagament mhux disponibbli.***

***3. Il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti jista' jiddiskuti mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-miżuri proporzjonati li għandhom jiġu adottati. Dawn għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni tal-bdil ta' emerġenza biss jekk tali awtorizzazzjoni ma tkunx iġġustifikata fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1.***

***4. Il-bdil ta' emerġenza skont dan l-Artikolu għandu jkun miżura temporanja. Għandu japplika biss dment li l-miżura tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1. Meta ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżura jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu, il-miżura għandha tiġi emendata jew titħassar skont l-istess metodi u proċeduri li wasslu għall-adozzjoni tagħha. Id-durata tal-miżura ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Qabel jiskadi dak il-perjodu, l-Isat Membru konċernat jista' jissottometti talba mġedda f'konformità ma' dan l-Artikolu, meta jkun iġġustifikat kif xieraq.***

***5. Meta l-bdil ta' emerġenza jitwettaq f'konformità ma' dan l-Artikolu, in-numru ta' aċċess tal-pagament bl-euro diġitali għandu jinżamm.***

***6. Meta jiftħu kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitolbu mill-utenti tal-euro diġitali l-awtorizzazzjoni tagħhom li jikkondividu, ma' awtoritajiet jew entitajiet iddeżinjati oħrajn biex jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji skont l-Artikolu 40d, l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw ir-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek***

***ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali sabiex jiġu ffaċilitati l-kundizzjonijiet tal-bdil ta' emerġenza stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-utenti tal-euro diġitali jistgħu jiddeċiedu wkoll li ma jagħtux dik l-awtorizzazzjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali jew jirtirawha fi kwalunkwe ħin wara dan.***

***7. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-utenti tal-euro diġitali dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' awtorizzazjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-impossibbiltà li jitwettaq il-bdil ta' emerġenza previst f'dan l-Artikolu.***

Or. en

**Emenda 1427**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40c*** |
| | ***Bdil ta' emerġenza f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |
| | ***1. Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jissottomettu talba motivata lill-Bank Ċentrali Ewropew jew lill-bank ċentrali nazzjonali relevanti biex jawtorizzaw il-bdil ta' emerġenza għall-*** |

***entità jew entitajiet iddeżinjati minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 40d jekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru rikjedenti, il-miżura hija ġġustifikata u proporzjonata għall-ilħuq ta' wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin:***

***(a) biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali;***

***(b) biex jiġi protett l-aċċess tal-utenti tal-euro diġitali għall-ammonti miżmumin tagħhom tal-euro diġitali.***

***2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, bdil ta' emerġenza għandu jfisser awtorizzazzjoni tal-bdil tal-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji u servizzi ta' akkwist obbligatorji, kif imsemmi fl-Anness II u fl-Anness IIa, minn fornitur wieħed jew fornituri ta' servizzi ta' pagament għal fornitur jew fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn iddeżinjati mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 40d(1). Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament riċeventi għandu jwettaq il-bdil ta' emerġenza meta jirċievi notifika ta' tali awtorizzazzjoni, mingħajr dewmien żejjed u mingħajr il-ħtieġa li jiskambja informazzjoni mal-fornitur ta' servizzi ta' pagament mhux disponibbli.***

***3. Il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti jista' jiddiskuti mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-miżuri proporzjonati li għandhom jiġu adottati. Dawn għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni tal-bdil ta' emerġenza biss jekk tali awtorizzazzjoni ma tkunx iġġustifikata fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1.***

***4. Il-bdil ta' emerġenza skont dan l-Artikolu għandu jkun miżura temporanja. Għandu japplika biss dment li l-miżura tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1. Meta ċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a li jiġġustifikaw l-adozzjoni tal-miżura jinbidlu jew ma jibqgħux jeżistu, il-miżura***

***għandha tiġi emendata jew titħassar skont l-istess metodi u proċeduri li wasslu għall-adozzjoni tagħha. Id-durata tal-miżura ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Qabel jiskadi dak il-perjodu, l-Isat Membru konċernat jista' jissottometti talba mġedda f'konformità ma' dan l-Artikolu, meta jkun iġġustifikat kif xieraq.***

***5. Meta l-bdil ta' emerġenza jitwettaq f'konformità ma' dan l-Artikolu, in-numru ta' aċċess tal-pagament bl-euro diġitali għandu jinżamm.***

***6. Meta jiftħu kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitolbu mill-utenti tal-euro diġitali l-awtorizzazzjoni tagħhom li jikkondividu, ma' awtoritajiet jew entitajiet iddeżinjati oħrajn biex jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji skont l-Artikolu 40d, l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw ir-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali sabiex jiġu ffaċilitati l-kundizzjonijiet tal-bdil ta' emerġenza stabbiliti f'dan l-Artikolu. L-utenti tal-euro diġitali jistgħu jiddeċiedu wkoll li ma jagħtux dik l-awtorizzazzjoni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali jew jirtirawha fi kwalunkwe ħin wara dan.***

***7. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jinfurmaw lill-utenti tal-euro diġitali dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' awtorizzazjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi identifikata r-responsabbiltà diretta fl-euro diġitali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali lejn l-utent tal-euro diġitali fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, b'mod partikolari l-impossibbiltà li jitwettaq il-bdil ta' emerġenza previst f'dan l-***

***Artikolu.***

Or. en

**Emenda 1428**
**Eero Heinäluoma, Marina Kaljurand, Sven Mikser**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40d*** |
| | ***Tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |
| | ***Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a, u dment biss li dan jibqa' ġġustifikat, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li waħda jew aktar mill-awtoritajiet jew l-entitajiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (d), u (f) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji għall-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12a(1), il-punti (a) sa (f) li huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-kontinwità ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji ta' kuljum.*** |

Or. en

**Emenda 1429**
**Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 40d*** |
| | ***Tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** |

***Fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 40a, u dment biss li dan jibqa' ġġustifikat, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li waħda jew aktar mill-awtoritajiet jew l-entitajiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (d), u (f) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali temporanji għall-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12a(1), il-punti (a) sa (f) li huma meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-kontinwità ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali obbligatorji ta' kuljum.***

Or. en

**Emenda 1430**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa ***sena*** wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta tkun qiegħda tħejji r-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fl-Artikolu 40 u kwalunkwe opinjoni u fehma espressi mill-Bank Ċentrali Ewropew. | 1. Sa ***sentejn*** wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta tkun qiegħda tħejji r-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fl-Artikolu 40 u kwalunkwe opinjoni u fehma espressi mill-Bank Ċentrali Ewropew.<br>***F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni Ewropea għandha b'mod partikolari tanalizza l-aspetti li ġejjin:***<br>***(a) l-adegwatezza tal-limitu tal-ammont miżmum, inklużi l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja u l-effett fuq id-depożiti u l-kapaċità ta' self tal-banek;***<br>***(b) il-possibbiltà għal tokenisation tal-euro diġitali u l-użu tiegħu għal applikazzjonijiet ta' reġistri distribwiti;*** |

***(c) il-każijiet ta' użu potenzjali għall-euro diġitali f'kuntest minn negozju għal negozju u l-passi meħtieġa biex l-euro diġitali jkun jista' jaħdem f'kuntest minn negozju għal negozju.***

Or. en

**Emenda 1431**
**Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa ***sena*** wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta tkun qiegħda tħejji r-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fl-Artikolu 40 u kwalunkwe opinjoni u fehma espressi mill-Bank Ċentrali Ewropew. | 1. Sa ***sentejn*** wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta tkun qiegħda tħejji r-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fl-Artikolu 40 u kwalunkwe opinjoni u fehma espressi mill-Bank Ċentrali Ewropew. ***F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni Ewropea għandha b'mod partikolari tanalizza l-każijiet ta' użu potenzjali għall-euro diġitali f'kuntest minn negozju għal negozju u l-passi meħtieġa biex l-euro diġitali jkun jista' jaħdem f'kuntest minn negozju għal negozju.*** |

Or. en

**Emenda 1432**
**Rada Laykova, Siegbert Frank Droese**
f'isem il-Grupp ESN

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Dan ir-Regolament ma għandux jiġi interpretat bħala li jagħti xi setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati. Jekk fl-emendi futuri ta' dan ir-Regolament jiġu introdotti atti delegati, tali atti ma għandhomx jibdlu dispożizzjonijiet rilevanti għall-privatezza, li jillimitaw l-użu jew li jaffettwaw id-drittijiet fundamentali mingħajr l-approvazzjoni espliċita mill-Parlament Ewropew.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiċċara li l-Artikolu 41 ma jagħtix setgħat delegati lill-Kummissjoni u tiżgura sorveljanza parlamentari b'saħħitha jekk jiġu introdotti tali setgħat fir-reviżjonijiet futuri tar-Regolament. Din tipprevjeni l-użu ta' atti delegati biex jinbidlu dispożizzjonijiet essenzjali relatati mad-drittijiet jew rilevanti għall-privatezza, u b'hekk tissalvagwardja l-kontroll demokratiku u ċ-ċertezza legali.*

**Emenda 1433**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sa 3 snin mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk hemmx aċċess suffiċjenti u effettiv għall-euro diġitali fiż-żona tal-euro u aċċettazzjoni suffiċjenti u effettiva tiegħu. | 3. Sa 3 snin mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk hemmx aċċess suffiċjenti u effettiv għall-euro diġitali fiż-żona tal-euro u aċċettazzjoni suffiċjenti u effettiva tiegħu. ***Ir-rapport għandu jivvaluta wkoll l-impatt tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin fuq l-użu tal-euro diġitali u l-evoluzzjoni tal-mudell kummerċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.*** |

Or. en

**Emenda 1434**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Mhux aktar minn sentejn wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-BĊE u l-EBA, tivvaluta l-impatt tal-qafas tal-euro diġitali fuq il-konċentrazzjoni tas-suq u fuq ir-riskji li jirriżultaw minn rwol miżjud tal-kumpaniji tat-teknoloġija mhux Ewropej kbar fil-forniment ta' servizzi ta' pagament. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament miftuħ għall-fornituri privati u tivvaluta l-impatt tagħhom fuq l-użu effettiv tal-euro diġitali, il-kompetizzjoni tas-suq, l-innovazzjoni u s-sigurtà ekonomika. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar ir-rieżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li tista', fejn xieraq, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1435**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 41a*** |
| | ***Rieżami tar-Regolament 2023/1113 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi*** |

***Sa sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-AMLA u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, tirrieżamina, fejn xieraq, ir-Regolament 2023/1113 biex tispeċifika l-applikazzjoni tal-obbligi ta' traċċabbiltà għat-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali b'mod li jkun konformi bis-sħiħ mal-karatteristiċi li jsaħħu l-privatezza stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

Or. en

**Emenda 1436**
**Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides, Lara Wolters**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali għandhom joħorġu l-euro diġitali sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 1437**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – subintestatura 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Servizzi ta' pagament bl-euro diġitali*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1438**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – subintestatura 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Servizzi ta' pagament bl-euro diġitali*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1439**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jikkonsistu:*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1440**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jikkonsistu:*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1441**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**

**Anness I – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew f'konformità mal-Artikolu 16;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1442**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew f'konformità mal-Artikolu 16;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1443**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali***, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew f'konformità mal-Artikolu 16***; | (a) fl-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali; |

Or. en

**Emenda 1444**
**Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti ***mill-Bank Ċentrali Ewropew*** f'konformità mal-Artikolu 16; | (a) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 16; |

Or. en

**Emenda 1445**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jibdew u jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u jipprovdu lill-utenti diġitali tal-euro diġitali bi strumenti ta' pagament bl-euro diġitali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1446**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jibdew u jirċievu tranżazzjonijiet*** | ***imħassar*** |

***ta' pagament bl-euro diġitali u jipprovdu lill-utenti diġitali tal-euro diġitali bi strumenti ta' pagament bl-euro diġitali;***

Or. en

**Emenda 1447**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) fil-ġestjoni tal-kontijiet tal-pagamenti bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1448**
**Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) fil-ġestjoni tal-kontijiet tal-pagamenti bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1449**
**Damian Boeselager**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) fit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' definanzjament f'konformità mal-Artikolu 13; u*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 1450**
